



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2017
COM(2017) 383 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — Il-ġlieda kontra l-frodi
Rapport Annwali 2016**

{ SWD(2017) 266 final }
{ SWD(2017) 267 final }
{ SWD(2017) 268 final }
{ SWD(2017) 269 final }
{ SWD(2017) 270 final }

WERREJ

SOMMARJU EŻEKUTTIV	4
1. INTRODUEZZJONI	7
2. POLITIKI ORIZZONATLI KONTRA L-FRODI, MIŻURI U RIŻULTATI.....	7
2.1. Inizjattivi ta' politika mill-istituzzjonijiet tal-UE.....	7
2.1.1. Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-UE permezz tal-liġi kriminali ⁷	
2.1.2. Proposta għat-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	8
2.1.3. L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.....	8
2.1.4. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE	8
2.1.5. Proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi rivedut ir-Regolament Finanzjarju u jiġu żgurati regoli finanzjarji settorjali (Omnibus).....	8
2.1.6. Il-koperazzjoni internazzjonali	9
2.1.7. L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS)	9
2.1.8. Implimentazzjoni tal-Programm Hercule	10
2.2. Miżuri meħuda mill-Istati Membri	11
2.2.1. Sommarju.....	11
2.2.1.1. L-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi (NAFS)	11
2.2.1.2. Servizzi ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS).....	11
2.2.1.3. Akkwist pubbliku	12
2.2.1.4. Oħrajn.....	12
2.2.2. Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2015	12
2.3. Sommarju ta' statistika dwar l-irregolaritajiet u l-frodi identifikati.....	13
2.3.1. L-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet frodulenti	14
2.3.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati u rrapportati	15
3. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI KONTRA L-FRODI — DĦUL.....	16
3.1. Miżuri kontra l-frodi fi dħul mill-istituzzjonijiet tal-UE.....	16
3.1.1. L-Għajnuna Amministrattiva Reċiproka (MAA — ir-Regolament Nru 515/97)	16
3.1.1.1. Żviluppi leġiżlattivi.....	16
3.1.1.2. L-implimentazzjoni tal-Artikolu 43b tar-Regolament 515/97	16
3.1.1.3. Is-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS)	17
3.1.1.4. Operazzjonijiet Doganali Konġunti (JCOs)	18
3.1.2. Għajnuna Reċiproka u dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali.....	19
3.1.3. Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk.....	20
3.1.4. Ġlieda kontra l-frodi tal-VAT	20
3.2. Miżuri kontra l-frodi fid-dħul tal-Istati Membri	20
3.3. Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati fid-Dħul.....	21
3.3.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati	21
3.3.2. L-identifikazzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet mhux frodulenti	21
3.3.3. Riżultati tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.....	22

4. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI SETTORJALI KONTRA L-FRODI — NEFQA	22
4.1. Agrikoltura — Politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi	22
4.1.1. Agrikoltura — Miżuri kontra l-frodi mill-Istati Membri.....	22
4.1.2. Agrikoltura — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati	22
4.1.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati	22
4.1.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati u rrapportati.....	23
4.1.2.3. Riżultati tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.....	23
4.2. Politika ta' Koeżjoni u s-Sajd — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi	23
4.2.1. Politika ta' koeżjoni u s-sajd — Miżuri ta' kontra l-frodi mill-Istati Membri	23
4.2.2. Politika ta' koeżjoni u s-sajd — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati.....	24
4.2.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati	24
4.2.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati u rrapportati.....	24
4.2.2.3. Riżultati mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi	25
4.3. Ġestjoni indiretta (Qabel l-adeżjoni) — Politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi	25
4.3.1. Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati	25
4.3.2. Riżultati mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.....	25
4.4. Ġestjoni diretta — Politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi	25
4.4.1. Ġestjoni diretta — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati	25
4.4.1.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati	26
4.4.1.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati u rrapportati.....	26
4.4.1.3. Riżultati mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi	26
5. IRKUPRU U MIŻURI PREVENTIVI U KORRETTIVI OĦRA	26
6. KOOPERAZZJONI MAL-ISTATI MEMBRI	26
7. SISTEMA TA' IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U ESKLUŻJONI (EDES).....	27
8. SEGWITU TAR-RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW DWAR IL- PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE - IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI – IR-RAPPORT ANNWALI TAL-2015.....	28
9. KONKLUŻJONJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET.....	30
9.1. Dħul.....	31
9.2. Nefqa.....	32
9.3. Is-snin li ġejjin	33
ANNEX 1 — IRREGOLARITAJIET IRRAPPORTATI BĦALA FRODULENTI FL-2016 .	34
ANNEX 2 — IRREGOLARITAJIET MHUX IRRAPPORTATI BĦALA FRODULENTI FL- 2016.....	36

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-Rapport Annwali tal-2016 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (ir-Rapport PIF) huwa ppreżentat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri skont l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Ir-rapport ikopri l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi u jippreżenta r-riżultati tagħhom. It-Trattat jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u jippermetti t-teħid ta' miżuri speċifiċi sabiex tingħata protezzjoni ekwivalenti u effettiva tal-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE minn nefqa mhux dovuta jew irregolari u minn evażjoni ta' dazji doganali jew imposti oħra, l-aktar permezz ta':

- (a) azzjonijiet preventivi;
- (b) azzjonijiet investigattivi;
- (c) mekkaniżmi korrettivi;
- (d) miżuri repressivi.

Meta l-analiżi ta' din l-informazzjoni tkun identifikat problemi jew riskji, isiru rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet.

Miżuri ta' kontra l-frodi fil-livell tal-UE

Fl-2016, ittieħdu għadd kbir ta' miżuri sabiex jittejjeb il-qafas legali u amministrattiv għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE:

- il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni laħqu ftehim politiku dwar proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali;
- fin-nuqqas ta' unanimità dwar it-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), fil-bidu tal-2017, għadd kbir ta' Stati Membri ddeċidew li jipproċedu bih f'kooperazzjoni msaħħa;
- il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF;
- in-netwerk tas-Sħab Ewropej Kontra l-Korruzzjoni (EPAC)/in-Netwerk Ewropew ta' Punti ta' Kuntatt kontra l-korruzzjoni (EACN) adottaw id-Dikjarazzjoni ta' Riga, bl-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- sittax-il dipartiment tal-Kummissjoni aġġornaw l-Istrateġija tagħhom Kontra l-Frodi;
- L-OLAF innegozja b'suċċess dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali tal-UE;
- il-Programm ta' Finanzjament Hercule III jgħin sabiex tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u amministrattiva tad-dwana u awtoritajiet oħrajn tal-Istati Membri.

Fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit tal-UE, sar progress sinifikanti fl-2016 biex ikompli jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE:

- Is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u Esklużjoni (EDES) biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE bdiet tapplika fl-1 ta' Jannar 2016;
- il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi r-Regolament Finanzjarju u r-regoli finanzjarji settorjali speċifiċi (permezz tar-Regolament "Omnibus") bl-għan li tissimplifikahom u tagħmilhom aktar flessibbli;

- ġew żviluppati dokumenti ta' gwida importanti fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-Prevenzjoni ta' Frodi (COCOLAF).

Fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit, il-miżuri li ttieħdu fl-2016 komplew jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE:

- ir-Regolament 515/97 rivedut dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka fid-dwana jipprevedi żewġ bażijiet tad-data ċentralizzati li jinkludu informazzjoni dwar il-moviment tal-kontejners u dwar prodotti li jidħlu, joħorġu u jgħaddu mill-UE;
- l-avviżi ta' għajjnuna reċiproka maħruġa wara Operazzjonijiet Doganali Konġunti mwettqa mill-OLAF baqgħu sors importanti ta' informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet fit-tranżazzjonijiet li jinvolvu ċerti tipi ta' prodotti;
- il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fil-prodotti tat-tabakk baqgħet prijorità għolja għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri;
- il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni dwar il-VAT *Lejn żona unika tal-VAT fl-UE — Iż-żmien biex niddeċiedu*, filwaqt li stabbiliet miżuri biex tindirizza d-diskrepanza tal-VAT u ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi.

Miżuri kontra l-frodi meħuda mill-Istati Membri

L-Istati Membri rrapportaw l-adozzjoni ta' 80 miżura ewlenija sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u l-ġlieda kontra l-frodi tal-UE. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrapportaw **massimu ta' tliet miżuri kontra l-frodi**. Dawn il-miżuri, li jkopru ċ-ċiklu sħiħ kontra l-frodi, prinċipalment jirrelataw mal-fondi taħt ġesjoni kondiviżi u jkopru l-oqsma li ġejjin:

- akkwist pubbliku;
- kriminalità organizzata u korruzzjoni;
- kunflitti ta' interess;
- AFCOS;
- id-definizzjoni ta' frodi;
- l-istrateġija kontra l-frodi;
- il-ġlieda kontra l-kuntrabandu;
- l-informaturi.

Sat-tmiem tal-2016, disa' Stati Membri adottaw Strateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi. Żewġ Stati Membri oħra adottaw l-istrateġija tagħhom fil-bidu tal-2017.

L-akkwist pubbliku kien ukoll is-suġġett ta' bosta miżuri meħuda, peress li l-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttivi 2014 fil-liġi nazzjonali tagħhom sa April 2016.

L-Istati Membri rrapportaw l-adozzjoni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll miżuri orizzontali oħrajn li jimmiraw lejn rifuġji fiskali, l-introduzzjoni ta' għodod elettroniċi għall-proċedimenti kriminali, it-tweqqif ta' taħriġ kontra l-frodi u sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-frodi.

Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-Istati Membri rrapportaw dwar l-għadd u n-natura ta' miżuri meħuda sabiex isir segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-2015. Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri kollha jqisu r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' din is-sena b'mod simili.

Identifikazzjoni u rapportar ta ' irregolaritajiet frodulenti u mhux frodulenti li jaffettwaw il-baġit tal-UE

Fl-2016, ġew irrappurtati **19 080 irregolarità (frodulenti u mhux frodulenti)** lill-Kummissjoni, li jinvolve total ta' madwar EUR 2.97 biljun. Madwar EUR 2.43 biljun jikkonċernaw is-settur tan-nefqa tal-baġit tal-UE.

L-ġhadd ta' irregolaritajiet misjuba naqas bi 15 % meta mqabbel mal-2015 u l-valur finanzjarju tagħhom naqas bi 8 %.

Fl-2016, **1 410 irregolarità kienu rrappurtati bħala frodulenti**, li jinvolve EUR 391 miljun, li jkopru kemm in-nefqa kif ukoll id-dħul.

Informazzjoni dwar irkupru, korrezzjonijiet finanzjarji u miżuri oħra preventivi u korrettivi ser tingħata fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni, li mill-2016 jinkludi l-Komunikazzjoni annwali preċedenti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ħarsien tal-baġit tal-UE.

1. INTRODUZZJONI

Kull sena, skont l-Artikolu 325(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-miżuri meħuda biex jikkumbattu l-frodi u kull attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.

L-UE u l-Istati Membri jaqsmu r-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġġestixxu madwar 74 % tan-nefqa tal-UE u jiġbru r-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (TOR). Il-Kummissjoni tissorvelja dawn iż-żewġ oqsma, tistabbilixxi l-istandards u tivverifika l-konformità. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu flimkien mill-qrib biex jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-UE huma effettivament protetti. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan ir-rapport huwa li jivvaluta din il-kooperazzjoni fl-2016 u li jara kif din tista' tittejjeb.

Dan ir-rapport jipprovdi sommarju tal-miżuri meħuda fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri fl-2016 sabiex jiġi miġġieled l-frodi. Dan jinkludi wkoll analiżi tal-kisbiet ewlenin tal-korpi nazzjonali u Ewropej fl-identifikazzjoni u r-rapportar ta' frodi u irregolaritajiet li jirrigwardaw in-nefqa u d-dħul tal-UE. Is-sistema ta' rapportar ikkontribwixxiet b'mod sinifikanti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u għall-ġlieda kontra l-frodi.

Ir-rapport huwa akkumpanjat minn ħames Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni¹.

2. POLITIKI ORIZZONATLI KONTRA L-FRODI, MIŻURI U RIŻULTATI

2.1. Inizjattivi ta' politika mill-istituzzjonijiet tal-UE

2.1.1. Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-UE permezz tal-liġi kriminali

Wara erba' snin ta' negozjati, fl-2016 intlaħaq ftehim politiku bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni f'laqgħa tat-trilogu fit-30 ta' Novembru 2016. L-hekk imsejħa Direttiva PIF hija mistennija li tiġi adottata fl-2017. L-Istati Membri ser ikollhom sentejn ħans biex jittrasponu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali.

Id-Direttiva ser issaħħaħ il-qafas ġuridiku eżistenti bl-armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE (frodi, korruzzjoni, ħasil tal-flus u pekulat), kif ukoll il-penali u l-istatuti tal-limitazzjonijiet għal dawn il-każijiet. Din tinkludi każijiet ta' frodi transkonfinali tal-VAT għal danni totali ta' mill-inqas EUR 10 miljun.

Id-Direttiva ser tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-protokoll tagħha (il-Konvenzjoni PIF)² għal dawk l-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva³.

¹ (i) Implimentazzjoni tal-Artikolu 325 mill-Istati Membri fl-2016;
(ii) Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrappurtati għall-2016 għall-oqsma tar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni u l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni;
(iii) Segwitu ta' rakkomdazzjonijiet għar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE — il-ġlieda kontra l-frodi, 2015;
(iv) Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u Esklużjoni (EDES) — Bord imsemmi fl-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju;
(v) Ħarsa ġenerali annwali b'informazzjoni dwar ir-Riżultati tal-Programm Hercule III fl-2016.

2.1.2. *Proposta għat-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)*

In-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) komplew fl-2016 taħt il-Prezidenzi Netherlandiżi u Slovakkji. Il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-8 ta' Diċembru 2016 qieset t-test sħiħ tal-abbozz tar-Regolament diskuss matul Prezidenzi suċċessivi. Il-maġġoranza tal-Istati Membri qiesu t-test bħala bażi tajba għal ħidma ulterjuri u appoġġjaw il-prinċipju tat-twaqqif tal-UPPE.

In-negozjati dwar it-twaqqif tal-UPPE permezz ta' kooperazzjoni msaħħa komplew fl-2017, fid-dawl tan-nuqqas ta' unanimità fil-Kunsill.

2.1.3. *L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013*

Fl-2016, il-Kummissjoni kompliet l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF. L-evalwazzjoni, meħtieġa mill-Artikolu 19 tar-Regolament, għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-2 ta' Ottubru 2017.

2.1.4. *Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE*

Fl-2016, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni baqgħat prijorità fil-proċess ta' governanza ekonomika tas-Semestru Ewropew. Diversi Stati Membri rċevew rakkomandazzjonijiet biex jieħdu azzjoni sabiex itejbu t-trasparenza jew iżidu l-isforzi kontra l-korruzzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, fil-ġudikatura u fl-akkwist pubbliku.

Il-Kummissjoni kompliet is-serje ta' sessjonijiet ta' taħriġ tagħha skont il-Programm tal-UE tal-Qsim tal-Esperjenza ta' Kontra l-Korruzzjoni għall-esperti tal-Istati Membri⁴. Dawn is-sessjonijiet ta' ħidma saru fl-2016 dwar temi bħalma huma l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fil-livell lokali, l-immunitajiet pubbliċi u l-korruzzjoni fis-settur privat.

Bl-għarfien espert tiegħu, l-OLAF ikkontribwixxa għal diversi fora Ewropej u internazzjoni kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari EPAC/EACN⁵. Dan in-netwerk, ippresedut sa Novembru 2016 mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF, adotta d-“Dikjarazzjoni ta' Riga”⁶ li titlob lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa sabiex isaħħu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

2.1.5. *Proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi rivedut ir-Regolament Finanzjarju u jiġi żgurati regoli finanzjarji settorjali (Omnibus)*

F'Settembru tal-2016, il-Kummissjoni pproponiet f'att wieħed reviżjoni ambizzjuża tar-regoli finanzjarji ġenerali akkumpanjata minn bidliet korrispondenti fir-regoli finanzjarji settorjali stipulati fi 15-il att leġiżlattiv rigward il-programmi pluriennali⁷. Meta fasslet regoli

² L-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995 li jfassal il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48.

³ It-28 Stati Membri kollha ħliet id-Danimarka u r-Renju Unit.

⁴ https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/experience-sharing-programme_en.

⁵ Sħab Ewropej Kontra l-Korruzzjoni (EPAC)/in-Netwerk Ewropew ta' Punt ta' Kuntatt Kontra l-Korruzzjoni (EACN).

⁶ http://www.epac-eacn.org/images/EPAC_EACN_Riga_Declaration_2016_FINAL.pdf.

⁷ COM(2016) 605, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE)

finanzjarji tal-UE aktar sempliċi u flessibbli, il-Kummissjoni rat li ma ddgħajjifx il-ġestjoni finanzjarja tajba li tibqa' objettiv fundamentali. Il-proposta ssaħħa ukoll ir-regoli dwar l-evitar tat-taxxa li jridu jikkonformaw magħhom is-sħab tal-UE fl-implimentazzjoni u tiċċara li d-dmir li jiġu evitati kunflitti ta' interess japplika bis-sħiħ għal kull xorta ta' implimentazzjoni tal-fondi tal-UE (inkluż fil-livell tal-Istati Membri). Din tikkonsolida wkoll is-sistemi fis-seħħ sabiex il-baġit tal-UE jiġi protett kontra l-frodi u l-irregolaritajiet finanzjarji⁸. Din tissimplifika r-regoli finanzjarji tal-UE biex tgħin fit-tnaqqis tan-nefqa u tal-ħin meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE sabiex jitnaqqas l-għadd ta' żbalji. Din għandha żżid ukoll l-impatt tal-politiki u r-riżultati tagħhom fil-prattika.

2.1.6. *Il-koperazzjoni internazzjonali*

Sabiex jiġi miġġieled aħjar il-frodi kontra l-baġit tal-UE lil hinn mill-fruntieri tal-UE, OLAF jinnegozja wkoll dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali tal-UE bħalma huma ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet ta' sħubija. Fl-2016 ġew inklużi dispożizzjonijiet kontra l-frodi fil-Ftehim ta' Sħubija Komprensiva u Mtejba bejn l-UE u l-Armenja. Ġew iffinalizzati wkoll in-negozjati dwar id-dispożizzjonijiet kontra l-frodi fid-Djalogu Politiku u l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u Kuba u l-ftehim ġie inizjalat fil-11 ta' Marzu 2016.

Bl-għan li tissaħħa il-kooperazzjoni investigattiva lil hinn mill-fruntieri tal-UE, l-OLAF ikkonkluda sitt arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva ma' awtoritajiet sħab minn pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali fl-2016⁹.

2.1.7. *L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS)*

Il-Kummissjoni qiegħda tqis li taġġorna l-CAFS adottata fl-24 ta' Ġunju 2011¹⁰. L-għan tal-CAFS huwa li ttejjeb il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-frodi u tiżgura li s-sanzjonar, l-irkupru u d-deterrent huma prijorità fuq l-aġenda tal-Kummissjoni.

Issa, l-istrateġija ġiet implimentata bis-sħiħ, li jfisser li l-azzjonijiet kollha ġew finalizzati jew għadhom għaddejnin. L-enfasi hija fuq strateġiji settorjali u pjanijiet ta' azzjoni li jittrattaw l-frodi fl-oqsma ta' politika speċifiċi tagħhom. Filwaqt li jinżamm dan l-approċċ, l-istrateġija aġġornata tenfasizza aktar l-inkorporazzjoni ta' miżuri kontra l-frodi fis-sistemi ta' kontroll interni tal-Kummissjoni u b'mod partikolari r-rapportar dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-frodi. Il-CAFS aġġornata hija ppjanata li tinkludi kapitolu speċifiku dwar ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (TORs) bħala segwitu tar-riżultati tal-awditu tal-2016 tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) dwar il-*“Performance and Coordination of Anti-fraud activities in the Traditional Own Resources (TOR) area”* (Prestazzjoni u l-Koordinazzjoni ta' attivitajiet kontra l-frodi fil-qasam tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (TOR)).

Id-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni (48 b'kollox) introduċew Strateġiji Kontra l-Frodi (AFS) settorjali għall-qasam ta' politika taħt ir-responsabbilta tagħhom. Kull waħda minn dawn l-istrateġiji trid tiġi aġġornata regolarment sabiex jiġu riflessi l-bidliet fl-ambjent ta' kontra l-frodi.

Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁸ L-estensjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li taġixxi rigward is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u Esklużjoni fl-implimentazzjoni diretta u indiretta (ara wkol it-taqsima 7).

⁹ Pereżempju mal-Bureau nazzjonali Kontra l-Frodi tal-Ukrajna u mal-awtoritajiet doganali ta' Belarus u t-Tajwan.

¹⁰ COM(2011) 376 final.

In-Netzwerk għall-Prevenzjoni u d-Detezzjoni tal-Frodi (FPDNet) tal-Kummissjoni approva metodoloġija aġġornata għal tali strateġiji. Din kienet tikkonsisti fl-integrazzjoni ulterjuri ta' miżuri ta' kontra l-frodi fil-programazzjoni u l-ippjanar strateġiċi (SPP) u ċ-ċiklu tal-monitoraġġ — mill-identifikazzjoni tar-riskju ta' frodi għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-frodi. B'mod il-mod, strateġiji ta' kontra l-frodi jiffurmaw parti integrali tal-ġestjoni tar-riskju tal-Kummissjoni, filwaqt li jżommu l-attenzjoni speċifika li jeħtieġ il-frodi.

Is-16-il dipartiment tal-Kummissjoni li aġġornaw l-istrateġija tagħhom fl-2016, irrappurtaw li huma kienu użaw l-metodoloġija u l-gwida aġġornati għall-iżvilupp ta' strateġiji kontra l-frodi tad-DĠ pprovduti mill-OLAF.

Eżempju mill-EASME

Fl-2016, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) użat il-metodoloġija aġġornata biex taġġorna l-istrateġija ta' kontra l-frodi. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi tal-aġenzija issa ġiet integrata fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju annwali. Ir-riskji tal-frodi ewlenin li l-EASME taffaċċja huma l-plaġjariżmu u l-finanzjament doppju u l-pretensjonijiet tal-kost imkabbra intenzjonalment jew dawk foloz. Dawn ir-riskji u l-azzjonijiet sabiex dawn jiġu mmitigati huma ssorveljati mill-qrib fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskju annwali.

L-EASME ħadet miżuri mitiganti u inforzat mill-ġdid il-kontrolli għal dawn ir-riskji, filwaqt li qieset il-prinċipju tal-kostijiet u l-benefiċċji. Dan ifisser li l-kontrolli bbażati fuq ir-riskju huma applikati u li l-proġetti b'riskju għoli huma ssorveljati aktar mill-qrib.

Għal ċerti riskji (pereżempju l-plaġjariżmu), l-EASME ħadet sehem fl-ittejtjar ta' għodod għall-programmi H2020, li huma applikati fid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni attivi fir-riċerka.

L-implimentazzjoni tal-istrateġiji kontra l-frodi hija mmonitorjata regolarment permezz ta' ċiklu tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni. Minħabba li kull qasam ta' politika għandu karatteristiċi speċifiċi ta' frodi, ma hemm l-ebda approċċ ta' universalità fl-attivitajiet ta' kontra l-frodi. Il-maġġoranza tas-servizzi tal-Kummissjoni jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-frodi bħal taħriġ u seminars¹¹.

2.1.8. Implimentazzjoni tal-Programm Hercule

Il-programm Hercule III¹² (2014-2020) jippromwovi attivitajiet għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. Fl-2016, it-tielet sena tal-implimentazzjoni tiegħu¹³, baġit ta' EUR 14.5 miljun sar disponibbli għal:

- finanzjament ta' azzjonijiet sabiex tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u teknika tal-forzi tad-dwana u l-pulizija fl-Istati Membri, kif ukoll appoġġ tal-IT, li jkopri mill-inqas 70 % tal-baġit tal-programm;
- attivitajiet ta' taħriġ u konferenzi, inkluż it-taħriġ tal-forensika diġitali għall-persunal impjegat mill-aġenziji għall-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri u pajjiżi sħab, li jkopru madwar 30 % tal-baġit.

¹¹ Ara COM(2017) 351 final, Parti 2/2, p. 79.

¹² Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014.

¹³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 868 tas-17 ta' Frar 2016.

Il-Kummissjoni (OLAF) bdiet tirċievi l-ewwel rapporti, li jirriflettu r-riżultati tanġibbli ta' attivitajiet imwettqa minn meta l-programm beda fl-2014. Ġew irrappurtati suċċessi sostanzjali fir-rigward ta' sigaretti u tabakk li jiddaħħlu b'kuntrabandu u li huma ffalsifikati: saru sekwestri bl-għajjnuna ta' tagħmir u taħriġ ifffinanzjati mill-programm¹⁴.

2.2. Miżuri meħuda mill-Istati Membri

2.2.1. Sommarju

L-Istati Membri ntalbu jirrapportaw massimu ta' tliet miżuri ewlenin ta' kontra l-frodi. Dan is-sommarju jagħti ħarsa ġenerali tajba tax-xejriet u l-prijoritajiet għall-miżuri ta' kontra l-frodi implimentati mill-Istati Membri, iżda mhuwiex eżawrenti; ittieħdu ħafna aktar miżuri li huma ddettaljati f'dokument ta' akkumpanjament¹⁵.

Fl-2016, l-Istati Membri rrappurtaw dwar 80 miżura sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi għall-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

Il-miżuri tal-Istati Membri koprew iċ-ċiklu sħiħ ta' kontra l-frodi, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża, segwiti b'miżuri dwar l-akkwist pubbliku, il-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni, l-AFCOSs¹⁶, id-definizzjoni tal-frodi, l-istrateġija ta' kontra l-frodi, il-kriminalità organizzata u dik finanzjarja u l-informaturi. Fir-rigward taċ-ċiklu ta' kontra l-frodi, il-maġġoranza tal-miżuri kkonċernaw il-prevenzjoni, segwiti bid-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, l-irkupru u s-sanzjonijiet. Il-maġġoranza kienu settorjali (73 %) pjuttost milli ġenerali (27 %). Għoxrin mill-miżuri settorjali kkonċernaw id-dħul fl-oqsma tal-frodi tat-taxxa (60 %) u d-dwana (40 %). Wieħed u erbgħin miżura kkonċernaw in-nefqa, li jkopru l-oqsma kollha tal-baġit.

2.2.1.1. L-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi (NAFS)

Sat-tmiem tal-2016, disa' Stati Membri adottaw strateġija nazzjonali kontra l-frodi u baġtuha lill-Kummissjoni¹⁷. Dan huwa aktar mill-2015 u juri l-impenn tal-Istati Membri biex jadottaw approċċ strateġiku fil-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet dettrimentali għall-baġits tal-UE u dawk nazzjonali. Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-iżviluppi u tistieden lill-Istati Membri l-oħrajn kollha biex jabbozzaw tali strateġiji.

2.2.1.2. Servizzi ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS)

Diversi Stati Membri adottaw miżuri biex itejbu tali servizzi ta' koordinazzjoni, inklużi d-Danimarka (b'manwal kontra l-frodi AFCOS), Franza (strateġija nazzjonali kontra l-frodi), il-Kroazja (metodoloġija ta' ġestjoni sabiex tiġi promossa l-prevenzjoni tal-frodi), il-Latvja (strateġija operazzjonali u pjan ta' azzjoni għall-2017-2019), Malta (attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi ma' AFCOSs oħrajn), in-Netherlands (il-ħolqien ta' tim AFCOS) u l-Finlandja (it-tnedija ta' netwerk nazzjonali AFCOS).

¹⁴ Għal dettalji, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) taħt in-nota f'qiegħ il-paġna 1(v).

¹⁵ Għad-dettalji, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) taħt in-nota f'qiegħ il-paġna 1(i).

¹⁶ Ara t-Taqsima 2.2.1.2.

¹⁷ Id-disa' Stati Membri huma: il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, Malta u s-Slovakkja. Barra minn hekk, il-Latvja u r-Rumanija adottaw NAFS u baġtuha lill-Kummissjoni Ewropea fl-ewwel trimestru tal-2017. Il-Belġju, in-Netherlands u l-Polonja rrappurtaw li għaddejja proċedura biex tiġi abbozzata NAFS, filwaqt li l-Awstrija u l-Litwanja indikaw l-adozzjoni ta' dokumenti strateġiċi speċifiċi.

2.2.1.3. Akkwist pubbliku

Hemm għadd ta' miżuri dwar l-akkwist pubbliku, peress li l-Istati Membri kienu meħtieġa jittrasponu d-Direttivi 2014/23¹⁸, 2014/24/UE¹⁹ u 2014/25/UE²⁰ fil-liġi nazzjonali tagħhom sa April 2016. Għaxar Stati Membri²¹ rrapportaw li hađu miżuri biex jarmonizzaw il-liġi nazzjonali tagħhom dwar l-akkwist pubbliku mad-dritt tal-Unjoni. Hdx-il Stat Membru għad iridu jittrasponu bis-sħiħ it-tliet Direttivi dwar l-akkwist pubbliku.

2.2.1.4. Oħrajn

Il-Belġju, Franza, il-Litwanja, ir-Rumanija, is-Slovenja u r-Repubblika Ċeka rrapportaw miżuri kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fl-2016.

Ġew irrappurtati wkoll **diversi miżuri oħrajn** mill-Istati Membri li ġejjin: il-Belġju (b'mira lejn ir-rifuġju fiskali), Spanja (titjib fid-detezzjoni tal-frodi), Franza (protezzjoni tal-informaturi), il-Kroazja (taħriġ kontra l-frodi), l-Italja (kampanji ta' spezzjoni), il-Litwanja (għodda elettronika għall-proċedimenti kriminali), l-Ungerija (taħriġ kontra l-frodi u aktar kooperazzjoni), in-Netherlands (sensibilizzazzjoni dwar il-frodi) u l-Awstrija (reġistru ċentrali ta' kontijiet).

2.2.2. Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2015

Fir-Rapport tal-2015²² dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, il-Kummissjoni rakkomandat li l-Istati Membri:

- (a) isibu l-bilanċ it-tajjeb bejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; jiskambjaw esperjenzi dwar l-identifikazzjoni ta' frodi jew irregolaritajiet fl-ikklijar; jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin dwar kontrolli/awditjar ta' wara l-ikklijar u jinkorporaw l-informazzjoni riċevuta permezz tas-sistemi CRMS²³, AFIS²⁴ jew OWNRES²⁵ fil-ġestjoni tar-riskju.
- (b) jadattaw l-istrateġiji ta' kontroll doganali tagħhom, filwaqt li jqisu l-eżiti ta' ammissjonijiet volontarji;
- (c) itejbu aktar il-kwalità tal-informazzjoni dwar ir-rapportar tal-irregolarità permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS);
- (d) jipplanaw u jiffukaw l-awditjar u l-kontrolli tagħhom abbażi tal-analiżi tar-riskju u għodod tal-IT li jipprestixxu u jużaw għodod bħal ARACHNE²⁶, IMS u l-Għodda ta' Valutazzjoni tar-Riskju ta' Frodi.

Xi Stati Membri²⁷ rrapportaw li nkiseb bilanċ bejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; ohrajn²⁸ qegħdin jimplementaw miżuri biex jiżguraw dan il-bilanċ.

¹⁸ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.

¹⁹ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

²⁰ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

²¹ Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, ir-Rumanija u l-Estonja.

²² COM(2016) 472 final, 14.7.2016, paġni 29-31.

²³ Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskju Doganali.

²⁴ Sistema tal-Infommazzjoni għal Kontra l-Frodi.

²⁵ Bażi tad-data għar-rapportar tal-irregolarità f'riżorsi proprji tradizzjonali.

²⁶ ARACHNE hija għodda tal-IT ta' għoti tal-punti għar-riskju għall-FERŻ, FK u FSE, żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea, imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali.

Tmintax-il Stat Membru²⁹ bagħtu informazzjoni li waslet minn Stati Membri oħrajn jew mid-dipartimenti tal-Kummissjoni lill-korpi kompetenti nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni u analiżi tar-riskju.

Għadd ta' Stati Membri³⁰ rrappurtaw li qiesu r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex jadattaw l-ippjanar annwali tagħhom tal-persunal u r-riżorsi meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-informazzjoni riċevuta fil-forma ta' ammissjonijiet volontarji. Diversi Stati Membri³¹ rrappurtaw li inkludew tali informazzjoni fl-analiżi u l-ġestjoni tar-riskju biex inaqqsu r-riskju u jużawha għal eżaminazzjoni ta' wara l-ikklijar.

Is-sitt Stati Membri³² li ngħataw speċifikament rakkomandazzjoni biex isaħħu s-sistemi tagħhom fir-rigward tal-identifikazzjoni u/jew ir-rapportar tal-frodi, irrappurtaw dwar il-progress li sar. Franza u l-Litwanja spjegaw il-miżuri li ħadu biex itejbu r-rapportar tal-irregolaritajiet. Spanja nnotat żieda fl-irregolaritajiet irrappurtati minħabba l-effiċjenza tas-sistema tad-detezzjoni.

Fir-rigward tal-użu tal-analiżi tar-riskju u l-ġhodod tal-IT (ARACHNE, IMS u l-Għodda ta' Valutazzjoni tar-Riskju ta' Frodi), xi Stati Membri³³ rrappurtaw li dawn jużaw xi ġhodod minn dawn flimkien mal-ġhodod tagħhom stess, filwaqt li Stati Membri³⁴ oħrajn irrappurtaw li prinċipalment huma jużaw l-ġhodod alternattivi tagħhom stess. L-IMS tintuża b'mod wiesa' mill-Istati Membri kollha³⁵ li pprovdew informazzjoni fir-rigward ta' din ir-rakkomandazzjoni³⁶.

2.3. Sommarju ta' statistika dwar l-irregolaritajiet u l-frodi identifikati³⁷

Fl-2016, ġew irrappurtati 19 080 irregolarità (frodulenti u mhux frodulenti) lill-Kummissjoni, 15 % inqas mill-2015. Dawn involvew total ta' madwar EUR 2.97 biljun, 8 % inqas mis-sena preċedenti.

L-identifikazzjoni ta' irregolarità timplika li ttieħdu miżuri korrettivi sabiex jiġu rkuprati l-ammonti finanzjarji irregolari involuti u li nbdew proċedimenti kriminali jekk jiġi ssuspettat frodi.

²⁷ il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Finlandja u l-Iżvezja.

²⁸ Id-Danimarka u s-Slovenja.

²⁹ Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

³⁰ Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja.

³¹ Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

³² Spanja, Franza, il-Litwanja, l-Awstrija, il-Finlandja u r-Renju Unit.

³³ Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

³⁴ l-Irlanda, Malta, il-Finlandja u l-Iżvezja.

³⁵ Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

³⁶ Għad-dettalji, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, nota f'qiegħ il-paġna 1 (iii).

³⁷ Għal analiżi dettaljata tal-irregolaritajiet irrappurtati, ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal, nota f'qiegħ il-paġna 1(ii)

2.3.1. L-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet frodulenti

L-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti (li jinkludi każijiet ta' frodi suspettata jew stabbilita) u l-ammonti relatati ma jistgħux jitqiesu f'korrelazzjoni mal-livell ta' frodi li jaffettwa l-bagiet tal-UE. Irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti pjuttost jindikaw kemm-il każ ta' frodi potenzjali qed jiġi identifikat mill-Istati Membri u l-korpi tal-UE.

Fl-2016, ġew irrapportati 1 410 irregolaritajiet bħala frodulenti (jiġifieri 6 % tal-irregolaritajiet kollha identifikati u rrapportati³⁸), li jinvolvu EUR 391 miljun (li jirrappreżentaw 13 % tal-ammonti finanzjarji totali affettwati mill-irregolaritajiet³⁹), li jkopru kemm in-nefqa kif ukoll id-dħul. Jeżistu differenzi bejn is-setturi, kif jidher fit-Tabella 1.

Tabella 1: Irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti fl-2016

Settur tal-bagiet (nefqa)	Nru ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Ammonti involuti (f' miljuni EUR)	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Bħala % tal-pagamenti
Riżorsi naturali	413	-3%	61.8	-13%	0.11%
Appoġġ għas-suq tal-agrikoltura u pagamenti diretti	128	-29%	12.4	-68%	0.03%
Żvilupp rurali	284	22%	49.4	72%	0.44%
It-tnejn	1	-92%	0.0	-99%	n/a
Politika ta' Koeżjoni u Sajd	407	4%	236.9	-51%	0.47%
FSIE 2014-20	3	200%	0.9	497%	0.01%
Koeżjoni 2007-2013	390	8%	234.3	-45%	0.56%
Fondi strutturali u ta' koeżjoni qabel l-2007-2013	4	-60%	0.8	-98%	1.35%
Sajd	10	-47%	0.9	-71%	0.10%
Affarijiet Interni	0	-	0	-	0.00%
FEAD, AMIF	0	-	0.0	-	0.00%
ISF	0	-	0.0	-	0.00%
Qabel l-adeżjoni	28	-3%	3.0	-62%	0.19%
Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (2000-2006)	3	-67%	1.8	-70%	n/r
Strument għal qabel l-adeżjoni (2007-2013)	25	25%	1.2	-31%	0.34%
Nefqa diretta	49	880%	6.3	3025%	0.00%
Nefqa totali	897	6%	308.0	-45%	0.22%

Settur tal-bagiet (nefqa)	Nru ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Ammonti involuti	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Bħala % tal-ammont gross ta' TOR miġbur għall-2016
Dħul (riżorsi proprji tradizzjonali)	513	-16%	83	6%	0.33%*
TOTAL	1,410	-3%	391.0	-39%	/

* Il-kalkolu jinkludi ammonti strmati rrapportati

Meta mqabbel mal-2015, l-għadd ta' irregolaritajiet frodulenti rrapportati fl-2016 naqas ftit, bi 3 %, filwaqt li l-impatt finanzjarju tagħhom naqas bi 39 %. Meta wieħed iħares lejn l-aħħar 5 snin (2012-2016), l-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti nbidel ftit mill-2013: dan kien 14 % ogħla fl-2016 milli fl-2012, 4% inqas mill-medja fuq ħames snin. Madankollu, l-impatt finanzjarju jvarja b' mod sinifikanti, peress li l-ammonti involuti jistgħu jiġu affettwati minn każijiet individwali li jinvolvu ammonti kbar ħafna.


³⁸ Dan l-indikatur huwa deskritt bħala l-livell tal-frekwenza tal-frodi (FFL). Ara t-taqsim 2.3.2 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni *Methodology regarding the statistical evaluation of reported irregularities for 2015* (Metodoloġija fir-rigward tal-evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għall-2015) SWD(2016) 237 final.

³⁹ Dan l-indikatur huwa deskritt bħala l-livell tal-ammont tal-frodi (FAL). Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 38.

Ċart 1 turi x-xejriet globali matul l-aħħar ħames snin.

Hemm xi differenzi żgħar fil-varjazzjonijiet minn sena għal oħra bejn id-**dħul** u n-**nefqa**.

Ċart 1: L-irregolaritajiet irrapportati bħala frodulent u l-ammonti relatati tagħhom, 2012-2016



Analiżi tal-irregolaritajiet frodulent kollha rrapportati fl-2016, skont l-Istat Membru u skont is-settur tal-baġit, hija ppreżentata fl-Anness 1.

2.3.2. Irregolaritajiet mhux frodulent identifikati u rrapportati

Fl-2016, il-Kummissjoni ġiet innotifikata b'17 670 irregolarità li ma ġewx irrapportati bħala frodulent (madwar 15 % inqas mill-2015). Iċ-ċifri naqsu għas-setturi kollha ħlief għan-nefqa diretta. L-impatt finanzjarju kważi ma nbidel xejn b'madwar EUR 2.58 biljun, kif muri fit-Tabella 2.

L-Anness 2 juri analiżi tal-irregolaritajiet mhux frodulent kollha rrapportati fl-2016, skont l-Istat Membru u s-settur tal-baġit.

Tabella 2: Irregolaritajiet li ma ġewx irrapportati bħala frodulentli fl-2016

Settur tal-baġit (nefqa)	Nru ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulentli	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Ammonti involuti (f' miljuni EUR)	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Bħala % tal-pagamenti
Riżorsi naturali	3,489	-17%	211.2	-35%	
<i>Appoġġ għas-suq tal-agrikoltura u pagamenti diretti</i>	1056	-15%	74.9	-43%	
<i>Żvilupp rurali</i>	2409	-16%	134.7	-28%	
<i>It-tnejn</i>	24	-72%	1.6	-69%	n/a
Politika ta' Koeżjoni u Sajd	8,090	-23%	1,826.2	2%	
<i>FSIE 2014-20</i>	111	11000%	6.0	37702%	
<i>Koeżjoni 2007-2013</i>	7670	-21%	1,785.0	6%	
<i>Fondi strutturali u ta' koeżjoni qabel l-2007-2013</i>	50	-92%	8.0	-91%	
<i>Sajd</i>	259	42%	27.2	40%	
Affarijiet Interni	4	-	0.7	-	
<i>FEAD, AMIF</i>	3	-	0.5	-	
<i>ISF</i>	1	-	0.2	-	
Qabel l-adeżjoni	92	-6%	7.6	45%	
<i>Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (2000-2006)</i>	5	-29%	0.3	-75%	n/r
<i>Strument għal qabel l-adeżjoni (2007-2013)</i>	86	-5%	7.1	75%	
<i>Strument għal qabel l-adeżjoni (2014-2020)</i>	1	-	0.2	-	
Nefqa diretta	1861	16%	78.0	-30%	
Nefqa totali	13,536	-17%	2,123.7	-5%	1.50%

Settur tal-baġit (nefqa)	Nru ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulentli	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Ammonti involuti	Varjazzjoni fir-rigward tal-2015	Bħala % tal-ammont gross ta' TOR miġbur għall-2016
Dħul (riżorsi proprji tradizzjonali)	4,134	-8%	454	30%	1.81%*
TOTAL	17,670	-15%	2,577.7	0%	/

* Il-kalkolu jinkludi ammonti stmati rrapportati

3. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI KONTRA L-FRODI — DĦUL

3.1. Miżuri kontra l-frodi fi dħul mill-istituzzjonijiet tal-UE

3.1.1. L-Għajnuna Amministrattiva Reċiproka (MAA — ir-Regolament Nru 515/97)

3.1.1.1. Żviluppi leġiżlattivi

Ir-Regolament (UE) 2015/1525⁴⁰, li jemenda r-Regolament (KE) 515/97⁴¹ dwar l-Għajnuna Amministrattiva Reċiproka fi kwistjonijiet doganali, jipprevedi l-ħolqien ta' żewġ bażijiet tad-data ċentralizzati li jinkludu informazzjoni dwar il-moviment tal-kontejner u dwar oġġetti li jidħlu, joħorġu u jgħaddu mill-UE. Dawn il-bażijiet tad-data bdew joperaw fl-1 ta' Settembru 2016. Barra minn hekk, l-atti li ġejjin ġew adottati fl-2016 sabiex titrawwem l-għajnuna reċiproka fid-dwana: Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/757⁴², ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/345⁴³ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/346⁴⁴.

3.1.1.2. L-implimentazzjoni tal-Artikolu 43b tar-Regolament 515/97

Ir-Regolament (UE) 2015/1525 introduċa Artikolu ġdid (43b) li jesiġi lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa għal estensjoni tad-direttorju tal-messaġġ dwar l-istatus tal-kontejner (CSM)

⁴⁰ ĠU L 243, 18.9.2015, p. 1.

⁴¹ ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1.

⁴² ĠU L 126, 14.5.2016, p. 1.

⁴³ ĠU L 65, 11.3.2016, p. 38.

⁴⁴ ĠU L 65, 11.3.2016, p. 40.

u d-⁴⁵ direttorju⁴⁶ tal-importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu (IET) sabiex tiġi esportata data li mhijiex limitata għal prodotti soġġetti għas-sisa. Il-Kummissjoni tintalab ukoll tivvaluta l-fattibbiltà li testendi d-direttorju tat-trasport għal data dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-prodotti bl-art u bl-ajru.

Peress li dawn id-direttorji bdew joperaw biss fl-1 ta' Settembru 2016, ikun prematur li, f'dan l-istadju, jiġu estiżi għal kategoriji oħrajn tad-data. Madankollu, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda twesttaq il-valutazzjonijiet, filwaqt li qiegħda tiffoka b'mod partikolari fuq il-valur miżjud tad-data addizzjonali dwar l-esportazzjoni. F'dan il-kuntest, għadhom għaddejjin konsultazzjonijiet interni u konsultazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri⁴⁷. Fir-rigward tal-fattibbiltà li jiġi estiż id-direttorju tat-trasport għal mezzi oħra ta' trasport, ir-Regolament (KE) 515/97 diġà jipprevedi l-bażi ġuridika għall-wasla tad-data. Atwalment, l-enfasi hija fuq l-identifikazzjoni ta' sorsi ta' data addizzjonali, possibbilment billi tintuża data miġbura skont il-proġett tas-Sistema II ta' Kontroll tal-Importazzjoni (ICS). Il-Kummissjoni ser tippreżenta s-sejbiet tagħha fir-rapport PIF li jmiss.

3.1.1.3. Is-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS)

L-AFIS hija sistema komprensiva ta' applikazzjonijiet kontra l-frodi operata mill-OLAF, bl-użu ta' infrastruttura teknika komuni. Din hija għodda tal-IT importanti għal bosta amministrazzjonijiet u utenti oħrajn involuti fil-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE. L-AFIS tippermetti wkoll ekonomiji sostanzjali ta' skala u sinerġiji fl-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat ta' tali sett wiesa' u divers ta' servizzi u għodod tal-IT, li timmira lejn:

- l-iskambju f'waqtu u sikur ta' informazzjoni relatata ma' frodi bejn l-amministrazzjonijiet kompetenti nazzjonali u dawg tal-UE;
- il-ħżin u l-analiżi ta' *data* rilevanti.

L-AFIS tkopri żewġ oqsma ewlenin:

- għajjnuna reċiproka fi kwistjonijiet doganali;
- ġestjoni ta' irregolaritajiet.

Sa tmiem l-2016, l-AFIS kellha 8 700 utent aħħari rreġistrati f'isem aktar minn 1 800 servizz kompetenti fi Stati Membri, pajjiżi sieħba mhux tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, dipartimenti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra tal-UE. Fl-2016, l-utenti tal-AFIS skambjaw 16 900 messaggġ elettroniku. Total ta' 13 800 każ kienu disponibbli fil-bażijiet tad-data u moduli tal-għajjnuna reċiproka tal-AFIS.

Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), operata taħt il-pjattaforma tal-AFIS, irċeviet 43 600 komunikazzjoni ġodda dwar irregolaritajiet minn Stati Membri u pajjiżi kandidati.

Żewġ sistemi ġodda tal-IT previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) 515/97 emendat bdew joperaw:

- id-direttorju tal-Messaggġi dwar l-Istatus tal-Kontejner (CSM);

⁴⁵ Ara t-Taqsima 3.1.1.3.

⁴⁶ Id-direttorju CSM jinkludi informazzjoni dwar il-movimenti fiżiċi ta' kwalunkwe kontejner importat fl-UE permezz ta' bastiment marittimu u ta' kontejners esportati li jkun fihom prodotti soġġetti għas-sisa. Din l-informazzjoni, fil-forma ta' CSMS, tintbagħat mit-trasportaturi direttament lill-OLAF.

⁴⁷ Ir-riżultati ser jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar Għajjnuna Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali li għandha ssir fid-29-30 ta' Ġunju 2017.

- id-direttorju dwar l-Importazzjoni, l-Esportazzjoni u t-Tranżitu (IET).

FI-2016, l-AFIS irċeviet 182 miljun CSM. Id-direttorju IET jinkludi data ta' dikjarazzjoni dwar l-importazzjoni u t-tranżitu ta' prodotti u dwar l-esportazzjoni ta' prodotti soġġetti għas-sisa.

Ġew ipproċessati xi 2 miljun dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni u messaġġi relatati. Is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar it-Tranżitu ta' Kontra l-Frodi (ATIS) irċeviet informazzjoni dwar 6.7 miljun konsenja ta' tranżitu ġodda. Dawn huma disponibbli wkoll fid-direttorju tal-IET.

L-AFIS intużat għal aċċess u skambju sikur ta' informazzjoni fi hdx-il Operazzjoni Doganali Konġunta (ara t-taqsimi li ġejja).

3.1.1.4. Operazzjonijiet Doganali Konġunti (JCOs)

Il-JCOs huma operazzjonijiet qosra, ikkoordinati u mmirati, implimentati mill-awtoritajiet doganali sabiex jiġi miġġieled it-traffikar transkonfinali illegali ta' prodotti.

L-OLAF ikkoordina u kkoopera ma' Stati Membri fi 12-il JCO u azzjonijiet operattivi oħrajn. JCO waħda ġiet organizzata mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali b'appoġġ informattiv mill-OLAF. Erba' JCOs ġew organizzati f'kooperazzjoni ma' erba' Stati Membri u ġew iffinanzjati mill-OLAF.

Sabiex jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-JCOs ma' għadd kbir ta' parteċipanti, l-OLAF:

- ipprovda intelligence, appoġġ tekniku u/jew finanzjarju;
- żgura aċċess sikur u skambju ta' informazzjoni permezz tal-AFIS;
- għamel il-kamra tal-koordinazzjoni operazzjonali permanenti tiegħu disponibbli għall-awtoritajiet involuti.

Mit-12-il JCO u azzjonijiet oħrajn, dawn li ġejjin ħadu prominenza:

II-“JCO Magnum” immirat il-kuntrabandu ta' prodotti tat-tabakk trasportati bit-triq fit-territorju tal-UE tul il-fruntiera tal-Lvant tal-UE. Din ġiet ikkoordinata mill-amministrazzjoni doganali Estonjana u l-OLAF, bl-involvement ta' ħames Stati Membri. Matul l-operazzjoni nqabdu 11-il miljun sigarett tal-kuntrabandu.

II-“JCO Warehouse III” immirat il-kuntrabandu u t-tneħħija ta' prodotti soġġetti għas-sisa (prodotti tat-tabakk, żjut/fjuwils minerali u ċertu alkoħol) mill-arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju u t-taxxa. Din ġiet ikkoordinata mill-amministrazzjoni doganali Finlandiża u l-OLAF, bl-involvement tal-Istati Membri kollha u l-appoġġ tal-Europol. Ir-riżultati ta' din l-operazzjoni għadhom qed jiġu evalwati.

II-“JCO Orion” immirat prodotti li joriġinaw minn pajjiżi mhux tal-UE u rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera billi tintuża l-proċedura doganali⁴⁸. Din ġiet ikkoordinata mill-amministrazzjoni doganali Griega u l-OLAF bl-involvement tal-awtoritajiet doganali tat-23 Stat Membru f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tat-taxxa. Il-Europol appoġġjat l-

⁴⁸ Il-proċedura doganali 42 tippredvi li l-oġġetti mhux tal-UE jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni libera fi Stat Membru tal-UE eżenti mill-VAT tal-importazzjoni, bil-kondizzjoni li l-prodotti ser jiġu trasportati fi Stat Membru ieħor fi tranżazzjoni intra-Komunitarja.

operazzjoni. Din il-JCO wasslet biex id-dwana skopriet diversi każijiet ta' sottovalutazzjoni u klassifikazzjoni ħażina ta' prodotti fl-importazzjoni, kif ukoll sensiela ta' negozjanti nieqsa li "sparixxew" sabiex jevadu d-dazji doganali u l-VAT.

II-"JCO Wafers" immirat semikondutturi ffalsifikati importati fl-UE mill-Asja bil-posta/bis-servizzi espress ta' kurrier. Ir-riżultati ta' din l-operazzjoni għadhom qed jiġu evalwati. Din ġiet ikkoordinata mid-Dwana Netherlandiża u l-OLAF bl-involviment ta' 12-il Stat Membru u bl-appoġġ tal-Europol, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija.

L-Operazzjonijiet Kerguelen, Kiribati, Killick, Kheops u Pascal — Dawn l-operazzjonijiet ta' sorveljanza marittima reġjonali, ikkoordinati mid-dwana Franċiża, immiraw lejn l-identifikazzjoni ta' traffikar illegali ta' prodotti sensitivi bil-baħar, fl-Atlantiku u l-Mediterran. L-operazzjonijiet irriżultaw fil-qbid ta' aktar minn 8 tunnelli ta' raża tal-kannabis u 400 kg ta' kokaina u l-arrest ta' 17-il persuna.

L-azzjoni konġunta "Hansa", xprunata mid-Dwana tar-Renju Unit f'kooperazzjoni mal-Europol u l-appoġġ tal-OLAF, immirat il-moviment intern ta' oġġetti illegali soġġetti għas-sisa, prinċipalment s-sigaretti. L-evalwazzjoni finali għadha għaddejja.

L-Operazzjoni Octopus, organizzata mid-dwana Franċiża f'kooperazzjoni mal-OLAF, immirat il-frodi tad-dħul bl-involviment tal-proċedura doganali 42 u għenet biex jiġu żvelati diversi kumpaniji frodulent u ammonti kbar ta' evazzjoni tad-dazji doganali u l-VAT. Bħala riżultat taż-żieda fil-kontrolli, ġew sekwestrati aktar minn 6 000 prodott iffalsifikati.

L-operazzjoni "**Gryphon II**", organizzata mill-Ogranizzazzjoni Dinjija Doganali bil-parteċipazzjoni ta' OLAF, immirat il-kummerċ illegali tat-tabakk. L-operazzjoni rriżultat f'sekwestru ta' 729 miljun sigarett, 287 000 sigarru u 250 tunnelli ta' prodotti oħrajn tat-tabakk, kif ukoll komponenti tal-magni użati għall-manifattura ta' sigaretti, flus kontanti bl-ingrossa u aktar minn 12-il miljun timbru tad-dazju tas-sisa.

3.1.2. Għajjnuna Reċiproka u dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali

Fil-kuntest tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) 515/97, il-lista ta' ftehimiet ta' għajjnuna amministrattiva reċiproka⁴⁹ fis-seħħ, li ttiprovdi l-bażi ġuridika għall-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-frodi u l-irregolaritajiet, ġiet estiża fl-2016 biex tinkludi s-sħab li ġejjin: il-Każakistan, il-Kosta tal-Avorju il-Ghana u l-Kosovo*. Barra minn hekk, ġew iffinalizzati n-negozjati għall-aġġornament tal-ftehim preċedenti mal-Armenja. In-negozjati mal-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj) għamlu progress tajjeb.

Barra minn hekk, l-UE għamlet progress fin-negozjati kontinwi dwar l-inklużjoni ta' klawnsola kontra l-frodi fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Ġappun, l-Istati Uniti, il-Messiku, il-Mercosur u t-Tuneżija.

⁴⁹ Attwalment, hemm aktar minn 70 ftehim fis-seħħ, inklużi sħab kummerċjali ewlenin tal-UE, bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Ġappun.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

3.1.3. *Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk*

Il-Kummissjoni qiegħda tirrevedi l-eżitu preliminari tal-Komunikazzjoni 2013 tagħha *L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kuntribandu tas-sigarretti u forom oħra ta' kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk— Strateġija komprensiva tal-UE*⁵⁰, li ġiet ippreżentata flimkien ma' pjan ta' azzjoni komprensiv. F'Mejju 2017, ġie ppubblikat rapport ta' progress li jagħti ħarsa ġenerali tal-inizjattivi ewlenin meħuda minn dak iż-żmien 'l hawn, analiżi tas-suq illegali fil-prodotti tat-tabakk u suġġerimenti għal aktar riflessjoni u azzjoni⁵¹.

3.1.4. *Ġlieda kontra l-frodi tal-VAT*

Fis-7 ta' April 2016 il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni *Lejn żona unika tal-VAT fl-UE - Iż-żmien biex niddeċiedu*⁵². Din stabbiliet 20 miżura sabiex jiġu indirizzati d-diskrepanza fil-VAT u l-ġlieda kontra l-frodi⁵³ u pproponiet li tindirizza l-esponiment attwali tas-sistema tal-VAT proviżorja lill-hekk imsejħa frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes billi tistabbilixxi sistema tal-VAT definittiva bbażata fuq il-prinċipju tad-destinazzjoni u timplimenta miżuri aktar urġenti sabiex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-VAT.

Ir-rapport dwar id-diskrepanza fil-VAT⁵⁴ ippubblikat fl-2016, żvela diskrepanza fil-VAT ta' EUR 159.5 biljun. Ġie stabbilit grupp ta' esperti taħt il-programm Fiscalis sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaqsmu l-aħjar prattiki meta jkejlu d-diskrepanza fil-frodi tal-VAT.

Fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tippermetti mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat⁵⁵ (GRCM) li għandu jiġi applikat temporanjament jekk jitolbuh għadd partikolari ta' Stati Membri.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni komplew id-diskussjoni tagħhom dwar modi ġodda biex issaħħu l-attivitàjiet tan-netwerk Eurofisc sabiex l-iskemi tal-frodi jiġu identifikati b'mod aktar effiċjenti.

Ġew konklużi negozjati dwar ftehim tal-UE dwar kooperazzjoni amministrattiva u għajjnuna għall-irkupru fil-VAT man-Norveġja u l-ftehim għandu jiġi ffirmat fl-2017.

3.2. Miżuri kontra l-frodi fid-dħul tal-Istati Membri

Il-maġġoranza tal-Istati Membri rrapportaw miżuri biex jiġi miġġieled il-frodi doganali. Id-Danimarka u Franza rrapportaw dwar analiżi tar-riskju nazzjonali; L-Italja u l-Portugall irrappurtaw dwar valutazzjoni tar-riskju doganali nazzjonali; filwaqt li l-Awstrija u s-Slovenja rrapportaw dwar strateġija ta' kontroll doganali nazzjonali. Ġew irrappurtati miżuri sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata u finanzjarja u miżuri kontra l-kuntribandu mill-Bulgarija, il-Greċja u l-Finlandja. Miżuri sabiex jiġu miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa u l-frodi tal-VAT ġew irrappurtati mill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Latvja u l-Polonja.

⁵⁰ COM(2013) 324 final.

⁵¹ COM(2017) 235 final.

⁵² COM(2016)148 final.

⁵³ https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/action-plan-vat_en

⁵⁴ TAXUD/2015/CC/131, https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/2016-09_vat-gap-report_final.pdf.

⁵⁵ Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/UE, COM(2016) 811 final.

3.3. Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati fid-Dħul

3.3.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati⁵⁶

L-għadd ta' irregolaritajiet irrappurtati bħala frodulenti għall-2016 jammonta għal 513 (FFL⁵⁷ huwa 11 %). Dan huwa 32 % inqas mill-medja fuq ħames snin (749 irregolarità għall-perjodu 2012-2016). L-ammont affettwat ta' TOR stmat u stabbilit (EUR 83 miljun, FAL⁵⁸ huwa 15 %) fl-2016 huwa 30 % inqas mill-medja fuq ħames snin (EUR 119-il miljun).

L-ispezzjonijiet mis-servizzi ta' kontra l-frodi u l-kontrolli doganali mwettqa fiż-żmien tal-ikklijar tal-oġġetti kienu metodi ugwalment ta' suċċess tal-identifikazzjoni ta' każijiet frodulenti. F'termini ta' ammonti, l-ispezzjonijiet mis-servizzi ta' kontra l-frodi kienu l-aktar produttivi.

Każijiet ta' sottovalutazzjoni identifikata fir-Renju Unit li taffettwa d-dħul TOR.

L-ispezzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward tat-TOR f'Novembru 2016 fir-Renju Unit, sabet dgħufijiet sinifikanti fl-immaniġġjar u l-kontroll ta' importazzjonijiet sottovalutati ta' tessuti u żraben.

F'Marzu 2017, l-OLAF ikkonkluda wkoll investigazzjoni dwar is-sottovalutazzjoni ta' tessuti u żraben importati fir-Renju Unit mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Dan sab li ma ttiħdux miżuri adegwati sabiex jiġu evitati b'mod sistematiku importazzjonijiet sottovalutati ta' tessuti u żraben miċ-Ċina milli jidħlu fl-UE billi jgħaddu mir-Renju Unit. Dan irriżulta f'telf sinifikanti ħafna għall-baġit tal-UE bejn l-2013 u l-2016.

Dawn l-elementi wasslu lid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit biex jagħmlu riżerva fir-rapport ta' Attività Annwali tal-2016 dwar l-ineżattezza tal-ammonti TOR trasferiti lill-baġit tal-UE mir-Renju Unit mill-2013.

Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi flimkien mar-Renju Unit is-sejbiet tal-awditjar tagħha u r-rapporti tal-OLAF. F'każ li r-Renju Unit ma jiħux azzjoni korrettiva adegwata, il-Kummissjoni ser tieħu l-miżuri adegwati kollha biex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluża, fejn xieraq, l-azzjoni legali prevista mit-Trattati.

3.3.2. L-identifikazzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet mhux frodulenti

L-għadd ta' irregolaritajiet mhux irrappurtati bħala frodulenti kien 4 134, li huwa 9 % inqas mill-medja fuq ħames snin (4 532 għas-snin 2012-2016). L-ammont affettwat ta' TOR stmat u stabbilit kien EUR 454 miljun, li huwa 28 % aktar mill-medja fuq ħames snin (EUR 355 miljun).

Għalkemm fl-2015, l-għadd totali ta' każijiet frodulenti u mhux frodulenti naqas minn 5 514-il każ għal 4 647 fl-2016 (tnaqqis ta' 16 %), l-ammonti totali TOR involvew żieda minn EUR 445 miljun għal EUR 537 miljun (żieda ta' 21 %).

Prinċipalment, l-irregolaritajiet mhux frodulenti ġew identifikati permezz ta' kontrolli ta' wara l-ikklijar.

⁵⁶ Informazzjoni dwar l-irkupru ta' ammonti TOR affettwati mill-frodi u l-irregolaritajiet hija mogħtija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, taħt in-nota f'qiegħ il-paġna 1(ii).

⁵⁷ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 38.

⁵⁸ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 39.

Fl-2016, il-pannelli solari kienu l-aktar affettwati minn frodi u irregolaritajiet f'termini monetarji. F'ħafna każijiet, l-irregolaritajiet li jirrigwardaw il-pannelli solari kienu identifikati wara notifika ta' ġħajnuma reċiproka maħruġa mill-OLAF. Dan jissottolinja l-importanza tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF sabiex jiġu identifikati l-irregolaritajiet.

3.3.3. *Riżultati tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi*⁵⁹

L-OLAF fetaħ 40 investigazzjoni dwar l-evażjoni ssuspettata tad-dazji tal-importazzjoni. Dan ikkonkluda 30 investigazzjoni u ġħamel 71 rakkomandazzjoni finanzjarja lill-awtoritajiet doganali nazzjonali tal-UE ġħall-irkupru ta' dazji evażi, stmati EUR 103.7 miljun. Intbagħtu tmien rakkomandazzjonijiet ġħal azzjoni ġħudizzjarja lill-awtoritajiet ġħudizzjarji nazzjonali tal-UE.

4. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI SETTORJALI KONTRA L-FRODI — NEFQA

4.1. Agrikoltura — Politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.1.1. *Agrikoltura — Miżuri kontra l-frodi mill-Istati Membri*

Seba' Stati Membri rrapportaw li ġħadu miżuri kontra l-frodi speċifiċi ġħall-fondi agrikoli kif ġħej: Il-Ġermanja organizzat taħriġ kontra l-frodi, il-Greċja adottat miżuri dwar il-prevenzjoni tal-frodi, il-Lussemburgu ffoka fuq l-identifikazzjoni tal-frodi fl-agrikoltura, il-Polonja wettqet analiżi tar-riskju tal-frodi ġħall-agrikoltura, is-Slovenja introduċiet sistema ta' kontabbiltà kompjuterizzata, is-Slovakkja introduċiet proċeduri interni u listi ta' verifiki ġħodda, u r-Renju Unit implimenta strateġiji settorjali kontra l-frodi.

4.1.2. *Agrikoltura — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati*

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija ffinanzjata minn żewġ fondi, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG — madwar 80 % tal-baġit tal-PAK) u l-Fond Agrikolu Ewropew ġħall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR — 20 % li jifdal), li jiffunzjonaw b'mod differenti. Il-FAEG isegwi implimentazzjoni annwali, filwaqt li l-FAEŻR jiffinanzja programmi pluriennali. Il-FAEG huwa maqsum f'żewġ oqsma ewlenin: ħlasijiet diretti lill-bdiewa u miżuri ta' appoġġ ġħas-suq.

It-tendenza matul l-aħħar ġħames snin ta' irregolaritajiet identifikati u rrapportati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni tirrifletti dawn id-differenzi, bl-FAEG juri kurva bbilanjata u l-FAEŻR jirrifletti ċ-ċiklu pluriennali. Il-mudell tal-irregolaritajiet identifikati mill-Istati Membri jikkonferma r-riskju inerenti oġħla tal-investimenti FAEŻR. Madankollu, l-irregolaritajiet identifikati relatati mal-miżuri ta' appoġġ ġħas-suq jindikaw ukoll li f'dan il-qasam jista' jsir aktar.

4.1.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

Mill-irregolaritajiet irrappurtati bħala frodulenti mill-Istati Membri matul l-aħħar ġħames snin, 60 % jikkonċernaw l-FAEŻR u 40 % l-FAEG. L-FFL⁶⁰ huwa 12.5 %, filwaqt li l-FAL⁶¹ huwa 24 %.

Ġħall-FAEŻR, l-aktar *modus operandi* frekwenti identifikat huwa l-użu ta' dokumentazzjoni ta' sostenn falza jew iffalsifikata. Madankollu, fl-aħħar sentejn, beda jinħoloq ksur tal-“etika u

⁵⁹ https://ec.europa.eu/anti-fraud/sites/antifraud/files/olaf_report_2016_en.pdf

⁶⁰ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 38.

⁶¹ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 39.

l-integrita” (kategorija li tinkludi każijiet ta’ “korruzzjoni” u “kunflitti ta’ interess”). Dan ta’ spiss ġie identifikat fl-2016 u jista’ jiġi konness mal-istruttura tal-immaniġġjar deċentralizzat ta’ bosta programmi FAEŻR. Min-naħa l-oħra, il-fatt li ġew identifikati u rrapportati bosta każijiet, jimplika wkoll li l-Istati Membri qegħdin jagħtu aktar attenzjoni lil dawn il-kwistjonijiet.

L-irregolaritajiet frodulent i fl-FAEŻR matul l-aħħar ħames snin jirrappreżentaw madwar 0.5 % tal-ħlasijiet.

Għall-FAEG, matul l-aħħar 5 snin, l-irregolaritajiet frodulent i jirrappreżentaw perċentwal iżgħar tal-impnjenji tal-baġit milli għall-FAEŻR. L-impatt fuq il-ħlasijiet diretti huwa 0.03 %.

Madankollu, is-sitwazzjoni hija differenti għall-miżuri tas-suq (li jirrappreżentaw biss 7 % tal-impnjenji FAEG). L-impatt fuq il-ħlasijiet huwa 1.1 %. Il-miżuri ewlenin ikkonċernati huma: “Frott u ħaxix”, “Prodotti tas-settur ta’ vitikultura” u “Laħam tal-Majjal, bajd u tjur, trobbija tan-naħal u prodotti oħrajn tal-annimali”. L-ammonti finanzjarji rrapportati, prinċipalment jirriflettu korrezzjonijiet finanzjarji sinifikanti imposti mill-Kummissjoni fuq l-Istati Membri, billi ssegwi l-awditjar tagħha stess. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirkupraw l-ammonti mħallsa indebitament mill-benefiċjarji. Dan juri li minħabba l-awditjar tal-Kummissjoni, is-sistema globali qiegħda taħdem kif suppost, iżda li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu aktar biex jiżguraw regolarità u legalità tan-nefqa f’dan il-qasam.

L-aktar kategoriji *modus operandi* identifikati frekwentement għall-FAEG huma “foloz jew iffalsifikati: dikjarazzjonijiet, dokumenti ta’ sostenn, talba għall-ghajjnuna” u “dikjarazzjoni ta’ prodott, speċi u/jew art”, f’konformità mas-snin preċedenti.

4.1.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulent i identifikati u rrapportati

It-tendenzi f’irregolaritajiet mhux frodulent i huma deskritti fit-taqsimha 4.1.2.

Għan-nefqa FAEG, hemm għal darba oħra differenza sinifikanti bejn ħlasijiet diretti u miżuri tas-suq. Filwaqt li, għall-ewwel wieħed, l-impatt fuq il-ħlasijiet matul l-aħħar ħames snin huwa 0.07 %, għal tal-aħħar huwa 1.5 %. Għall-FAEŻR, l-impatt fuq il-ħlasijiet tal-2012-2016 ta’ irregolaritajiet mhux frodulent i huwa 2.1 %.

4.1.2.3. Riżultati tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

Ir-rakkomandazzjonijiet finanzjarji mill-OLAF matul l-aħħar ħames snin huma stabbli b’madwar EUR 60 miljun kull sena.

4.2. Politika ta’ Koeżjoni u s-Sajd — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.2.1. Politika ta’ koeżjoni u s-sajd — Miżuri ta’ kontra l-frodi mill-Istati Membri

Il-maġġoranza tal-Istati Membri rrapportaw l-adozzjoni ta’ miżuri f’dan il-qasam:

Il-Belġju dwar il-kunflitt ta’ interess, il-Bulgarija dwar l-amministrazzjoni ta’ irregolaritajiet u ARACHNE, id-Danimarka dwar il-ġestjoni ta’ każijiet ta’ suspett ta’ frodi, il-Ġermanja dwar il-ġestjoni tal-Fond Soċjali Ewropew u s-sistemi ta’ kontroll kif ukoll awtovalutazzjoni tar-riskji ta’ frodi fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Irlanda dwar miżuri kontra l-frodi speċifiċi għall-FEŻR, il-Finlandja dwar is-sistema tagħha tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji, il-Kroazja dwar il-ġestjoni tal-irregolarità, l-Italja dwar il-prevenzjoni tal-frodi fis-sajd, Ċipru dwar għodda ta’ awtovalutazzjoni għal riskju ta’ frodi, Malta dwar ir-rapportar

tal-irregolarità, in-Netherlands u r-Renju Unit dwar ARACHNE, l-Awstrija dwar proċedura ta' verifika, il-Polonja dwar l-għodod tal-IT fl-akkwist pubbliku, is-Slovenja dwar sistema tal-kontabbiltà kompjuterizzata, il-Finlandja dwar taħriġ kontra l-frodi u l-Iżvezja dwar il-kriminalità ekonomika u l-analiżi tar-riskju.

4.2.2. *Politika ta' koeżjoni u s-sajd — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati*

Meta mqabbla ma' setturi oħrajn tal-baġit, l-analiżi tal-politika ta' koeżjoni tinvolvi livell oġhla ta' kumplessità minħabba li l-informazzjoni li waslet (irregolaritajiet irrappurtati) tirrelata mal-perjodi ta' pprogrammar differenti regolati minn settijiet ta' regoli differenti.

Barra minn hekk, iċ-ċikli ta' pprogrammar huma pluriennali u dan jaffettwa b'mod sinifikanti x-xejriet sottostanti. Minħabba s-similarità fil-ġestjoni tal-fondi, is-sajd u l-politika ta' koeżjoni huma analizzati flimkien.

Fl-2016, ġew identifikati u rrapportati 8 497 irregolarità (22 % inqas mill-2015⁶², iżda 25 % aktar mill-medja fuq l-aħħar ħames snin). Dawn jikkonċernaw erba' perjodi ta' pprogrammar differenti, bl-akbar sehem jirrelata għall-2007-2013 (97 %) u 115 biss għall-programm 2014-2020. L-ammonti finanzjarji affettwati mill-irregolaritajiet fl-2016 ammontaw għal EUR 2.06 biljun, filwaqt li baqgħu pjuttost stabbli (5 % inqas mill-2015 u 8 % aktar mill-medja tal-aħħar ħames snin).

Ma ġie identifikat l-ebda tibdil maġġuri fix-xejriet meta mqabbla mas-snin preċedenti, f'termini ta' tipi ta' irregolaritajiet identifikati u l-effiċjenza tal-identifikazzjoni u r-rapportar.

4.2.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

Ġew identifikati u rrapportati 407 irregolaritajiet frodulenti, 4 % aktar mill-2015, filwaqt li xorta waħda iżjed minn 17 % aktar mill-medja tal-aħħar ħames snin.

Il-parti l-kbira tal-irregolaritajiet irrappurtati kienu għall-2007-2013, għalhekk l-analiżi ta' din is-sena ffukat fuq iċ-ċiklu sħiħ ta' pprogrammar⁶³. Għall-perjodu kollu, ġew identifikati u rrapportati 1 750 irregolarità frodulenti mill-awtoritajiet nazzjonali, li jammontaw għal EUR 1.48 biljun, b'rata tal-identifikazzjoni tal-frodi ta' 0.42 %.

Ir-rata ta' identifikazzjoni hija oġhla għall-programmi li jikkontribwixxu għall-għan tal-“konverġenza”. Il-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ETC), b'kuntrast, ir-rata tal-identifikazzjoni hija baxxa b'mod anomalu (0.1 %).

L-oqsma ta' prijorità bl-oġhla indikaturi ta' frodi huma: It-“Turiżmu”, ir-“Riċerka u żvilupp teknoloġiku (R&TD)”, it-“Trasport”, l-“Investiment fl-infrastruttura soċjali” u l-“Assistenza Teknika tas-Sajd”.

4.2.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati u rrapportati

Ġew identifikati u rrapportati 8 090 irregolarità mhux frodulenti, kważi 23 % inqas mill-2015 u 26 % aktar mill-medja tal-aħħar ħames snin.

⁶² L-2015 kienet sena mhux tas-soltu: ara t-taqsimiet 5.1 u 5.3.2 tar-*Rapport Annwali tal-2015 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-għlieda kontra l-frodi*, (COM(2016) 472 final), http://ec.europa.eu/anti-fraud/sites/antifraud/files/pifreport_2015_en.pdf.

⁶³ L-għeluq tal-perjodu ta' pprogrammar beda fit-tmiem ta' Marzu 2017.

Matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013, ġew identifikati u rrapportati 35 360 irregolarità mhux frodulenti, li ammontaw għal kważi EUR 7.3 biljun, bir-rata tal-identifikazzjoni ta' irregolarità ta' 2.1 %. L-oqsma ta' prijorità bl-ogħla indikaturi huma l-istess bħall-irregolaritajiet frodulenti.

4.2.2.3. Riżultati mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

Il-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet finanzjarji tal-OLAF jikkonċernaw il-politika ta' koeżjoni. L-OLAF irrakkomanda rkupru ta' EUR 353 miljun.

4.3. Ġestjoni indiretta (Qabel l-adeżjoni) — Politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.3.1. Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

L-analiżi tal-irregolaritajiet relatati mal-ġestjoni indiretta tiffoka fuq l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni.

L-irregolaritajiet irrappurtati għadhom jikkonċernaw żewġ perjodi ewlenin. Il-programmi tal-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (PAA) tal-2000-2006, immirati lejn it-tnejn tal-fażijiet tal-adeżjoni tal-2004 u 2007, u l-istrumenti għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) tal-2007-2013 użati fil-politika Ewropea tal-Viċinat, li prinċipalment jindirizzaw il-pajjiżi Balkani u t-Turkija.

B'mod ġenerali, l-irregolaritajiet irrappurtati ma nbidlux mill-2015, filwaqt li x-xejra ta' ħames snin (2012-2016) turi tnaqqis kostanti, minħabba l-eliminazzjoni gradwali tal-inizjattivi konnessi mal-aktar fażijiet riċenti ta' tkabbir. Fl-2016, ġew irrappurtati biss tmien irregolaritajiet fir-rigward tal-PAA (kontra 15 fl-2015), li jinvolvu EUR 2 miljun; Ġew irrappurtati 111 fir-rigward tal-IPA (kontra 109 fl-2015), li jaffettwaw EUR 8.3 miljun.

Fir-rigward tal-PAA, ġew identifikati u rrapportati biss tliet irregolaritajiet frodulenti, li jammontaw għal EUR 1.8 miljun. Fir-rigward tal-IPA, l-għadd ta' irregolaritajiet frodulenti identifikati żdied għal 25 (minn 21 fl-2015), li jinvolvu EUR 1.2 miljun.

Il-qasam ewlieni kkonċernat għadu l-appoġġ għall-iżvilupp rurali.

4.3.2. Riżultati mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

Bħala riżultat tal-investigazzjonijiet tiegħu f'dawn l-oqsma, l-OLAF irrakkomanda li l-Kummissjoni tirkupra EUR 7.1 miljun.

4.4. Ġestjoni diretta — Politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.4.1. Ġestjoni diretta — Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

L-istatistika dwar il-ġestjoni diretta hija bbażata fuq ordnijiet ta' rkupru maħruġa mid-dipartimenti tal-Kummissjoni li huma rreġistrati fis-Sistema tal-Kontabilità Abbażi tad-Dovuti tal-Kummissjoni, ABAC.

4.4.1.1. Irregolaritajiet frodulent i identifikati

Fl-2016, l-ABAC irreġistrat 49 oġġett ta' rkupru kklassifikati bħala frodulent⁶⁴, li ammontaw għal EUR 6.25 miljun. Meta dan jitqabbel mal-fondi totali mħallsa b'mod effettiv, ir-rata tal-identifikazzjoni tal-frodi hija 0.03 %, livell li baqa' stabbli matul l-aħħar ħames snin.

4.4.1.2. Irregolaritajiet mhux frodulent i identifikati u rappurtati

Fir-rigward tal-irregolaritajiet mhux frodulent i, fl-2016 ġew irreġistrati 1 861 oġġett ta' rkupru li jammontaw għal EUR 78 miljun. Matul perjodu ta' ħames snin, ir-rata tal-identifikazzjoni tal-irregolarità baqgħet stabbli għal madwar 0.5 %.

4.4.1.3. Riżultati mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

Wara li saru investigazzjonijiet f'dawn l-oqsma, l-OLAF irrakkomanda l-irkupru ta' EUR 22.3 miljun.

5. IRKUPRU U MIŻURI PREVENTIVI U KORRETTIVI OĦRA

Informazzjoni dettaljata dwar irkupru, korrezzjonijiet finanzjarji u miżuri oħra preventivi u korrettivi (interruzzjonijiet u sospensjoni ta' ħlasijiet) jiġu ppubblikati fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni, li mill-2016 jinkludi l-Komunikazzjoni annwali preċedenti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ħarsien tal-baġit tal-UE⁶⁵.

6. KOOPERAZZJONI MAL-ISTATI MEMBRI

Il-laqgħa tal-2016 tal-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-Prevenzjoni ta' Frodi (COCOLAF) li għebet flimkien esperti tal-Istati Membri pprovdiet opportunità biex jiġu diskussi l-iżviluppi ewlenin fil-ġlieda kontra l-frodi u t-tnejn tar-rapport *Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — il-Ġlieda kontra l-frodi tal-2015*, meħtieġ skont l-Artikolu 325 tat-TFUE.

Is-sottogruppi tal-COCOLAF iltaqgħu fl-2016 sabiex:

- iħejju d-dokument dwar il-gwida tar-rapportar ta' irregolaritajiet u t-tnedija tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) il-ġdida;
- ifasslu dokumenti għall-prevenzjoni ta' frodi;
- jaqsmu strateġiji tal-midja;
- iniedu attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni u d-deterrenza ta' frodi.

Tħejjew żewġ dokumenti ta' gwida skont is-sottogruppi:

- Is-sottogrupp tar-Rapportar u l-Analiżi: *Handbook on the requirement to report irregularities* (Manwal dwar ir-rekwiżit li jiġu rappurtati l-irregolaritajiet)⁶⁶, li jipprovd i gwida dwar l-aspetti komuni tar-rapportar tal-irregolaritajiet tal-Istati Membri b'rabta man-nefqa tal-baġit tal-UE bħala parti mill-ġestjoni kondiviża għall-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

⁶⁴ Imsemmija fis-sistema bħala każijiet "innotifikati mill-OLAF".

⁶⁵ L-AMPR huwa parti mill-pakkett tar-rapportar finanzjarju integrat tal-baġit tal-UE, COM(2017) 351 final.

⁶⁶ Dan id-dokument għad irid jiġi ffinalizzat u adottat b'mod formali.

- Sottogrupp dwar il-Prevenzjoni tal-Frodi: “Linji Gwida Ġenerali dwar Strateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi, għall-Istati Membri li jfasslu l-istrateġija nazzjonali tagħhom. Dan id-dokument huwa verżjoni riveduta u mkabbra tal-linji gwida 2014: dan huwa dokument aktar komprensiv li jkopri n-nefqa kollha ta’ ġestjoni kondiwiża u jinkludi eżempji konkreti tal-aħjar prattiki tal-Istati Membri.

Iż-żewġ dokumenti ġew abbozzati skont approċċ kollaborattiv ma’ esperti tal-Istati Membri, ikkoordinat mill-OLAF.

It-tielet laqgħa tal-Grupp AFCOS saret fis-27 ta’ Ottubru 2016 u kienet opportunità għas-servizzi ta’ koordinazzjoni sabiex jiddiskutu fatturi prinċipali għal kooperazzjoni investigattiva ta’ suċċess mal-OLAF. L-OLAF ippreżenta diversi żviluppi f’oqsma ta’ politika differenti, pereżempju l-evalwazzjoni tar-Regolament 883/2013 u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

Barra minn hekk, is-sottogrupp tan-Netwerk ta’ Komunikaturi ta’ Kontra l-Frodi tal-OLAF iltaqa’ fl-2016 biex jiddiskuti r-rwol tal-ġurnaliżmu investigattiv fil-ġlieda kontra l-frodi madwar l-EU, jaqsam l-esperjenza dwar proġett ta’ kontra l-korruzzjoni ta’ Transparency International u jieħu sehem f’sessjoni prattika ta’ kif tiġi żviluppata strateġija ta’ komunikazzjoni ta’ suċċess, fost attivitajiet oħrajn.

Il-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi tal-Kunsill (GAF) skambja fehmiet mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta’ kontra l-frodi. Fl-2016 saru erba’ laqgħat tal-GAF: tlieta taħt il-presidenza Netherlandiża u waħda taħt il-Presidenza Slovakka.

7. SISTEMA TA’ IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U ESKLUŻJONI (EDES)

Is-Sistema ta’ Identifikazzjoni Bikrija u Esklużjoni (EDES), li l-għan tagħha huwa li tinforza mill-ġdid il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, ġiet introdotta mir-reviżjoni tal-2015 tar-Regolament Finanzjarju⁶⁷ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2016⁶⁸. L-EDES tiżgura li jkun hemm:

- l-identifikazzjoni bikrija ta’ operaturi ekonomiċi li jirrappreżentaw riskji għall-interessi finanzjarji tal-UE;
- l-esklużjoni ta’ operaturi ekonomiċi mhux affidabbli milli jiksbu fondi tal-UE u/jew l-impożizzjoni ta’ penali finanzjarja;
- il-pubblikazzjoni, fl-aktar każijiet gravi, fuq is-sit web tal-Kummissjoni ta’ informazzjoni relatata mal-esklużjoni u/jew mal-penali finanzjarja, sabiex jissaħħa l-effett ta’ deterrent.

Din is-sistema l-ġdida tirrappreżenta titjib sinifikanti fl-applikazzjoni ta’ regoli dwar sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, l-indipendenza u t-trasparenza.

L-isituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE issa jistgħu jiddeċiedu li jimponu sanzjonijiet fuq operaturi ekonomiċi mhux affidabbli wara li jiksbu rakkomandazzjoni⁶⁹ mill-Bord centralizat

⁶⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Ottubru 2015, (ĠU L 286, 30.10.2015, p. 1).

⁶⁸ Ara wkoll COM(2017) 351 final, Parti 2/2, p. 79-80.

⁶⁹ Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 106(1)(c) sa (f) tar-Regolament Finanzjarju (jiġifieri imġiba ħażina professjonali gravi, frodi, ksur serju ta’ obbligazzjonijiet kuntrattwali, jew irregolaritajiet).

għdid⁷⁰. Il-Bord jivvaluta każijiet fejn ma tingħata l-ebda sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali. Dan ma għandu l-ebda setgħat investigattivi. Fil-prinċipju, il-bord jibbaża l-valutazzjoni tiegħu fuq fatti u sejbiet li jirriżultaw mill-awditjar imwettaq skont ir-responsabbiltà tas-servizz kompetenti tal-Kummissjoni jew l-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF.

Il-Bord huwa magħmul minn President indipendenti permanenti ta' livell għoli li assumu l-kariga tiegħu fl-24 ta' Novembru 2016, żewġ Membri permanenti li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni u Membru wieħed ad hoc li jirrappreżenta lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tas-servizz⁷¹ li jitlob ir-rakkomandazzjoni. Il-Bord jirrispetta d-dritt tad-difiża tal-operatur ekonomiku kkonċernat u japplika l-prinċipju tal-proporzjonalità⁷².

Fl-2016, ġew indirizzati 21 każ li jirreletaw ma' 33 operatur ekonomiku lill-Bord permezz tas-segretarjat permanenti tiegħu minn servizzi tal-awtorizzazzjoni differenti, inkluż 14 mill-Kummissjoni, ħamsa mill-aġenziji eżekuttivi, wieħed minn uffiċċju u wieħed minn aġenzija deċentralizzata. Fl-2016, il-Bord adotta tliet rakkomandazzjonijiet⁷³.

Il-Kummissjoni trid tirrapporta wkoll dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni rigward⁷⁴:

- in-nuqqas ta' esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi meta dan ikun indispenabbli sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz għal perjodu limitat u sakemm jiġu adottati l-miżuri rimedjali mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati;
- in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar sanzjonijiet amministrattivi fuq is-sit web tal-Kummissjoni, jew minħabba l-hteġa għall-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet jew minħabba l-ħarsien tal-prinċipju tal-proporzjonalità meta persuna fiżika tkun ikkonċernata.

8. SEGWITU TAR-RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE - IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI – IR-RAPPORT ANNwali TAL-2015

Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u b'mod partikolari l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi riċenti tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi, l-UPPE u d-Direttiva PIF. Il-Kummissjoni tinnota t-ton ġeneralment kostruttiv u pożittiv tar-riżoluzzjoni u tista' tagħti segwitu pożittiv lil għadd kbir tar-rakkomandazzjonijiet.

(a) L-identifikazzjoni u r-rapportar tal-irregolaritajiet

⁷⁰ Bord li hemm referenza għalih fl-Artikolu 108(5) sa (10) tar-Regolament Finanzjarju: Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 26.10.2012, p.1, li ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (EU, Euratom) Nru 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015, ĠU L 286, 30.10.2015, p. 1.

⁷¹ Is-servizzi tal-awtorizzazzjoni jistgħu jkunu daww tal-istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-UE.

⁷² Aktar informazzjoni dwar il-Bord hija inkluża fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, nota f'qiegħ il-paġna 1(iv).

⁷³ Mit-30 ta' Ġunju 2017, il-Bord ħareġ 17-il rakkomandazzjoni, li tlieta minnhom ġew adottati fl-2016. F'każ wieħed, il-fatti ppreżentati lill-Bord ma ġewx stabbiliti. Fi tliet rakkomandazzjonijiet, il-Bord ikkonkluda li ma għandha tiġi imposta l-ebda sanzjoni, fid-dawl tal-miżuri ta' rimedju meħuda mill-operatur. Għal aktar dettalji ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-EDES u l-annessi tiegħu.

⁷⁴ Data mogħtija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, nota f'qiegħ il-paġna 1(iv).

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-interpretazzjoni taż-żieda fl-irregolaritajiet irrappurtati mill-Istati Membri bħala żvilupp negattiv jew it-tnaqis bħala żvilupp pożittiv, hija simplistika wisq u tista' twassal għal konfużjoni.

L-Istrateġiji Nazzjonali ta' Kontra l-Frodi huma biss obligatorji għall-pajjiżi kandidati. Il-Kummissjoni qiegħda thegħeġ lill-Istati Membri biex jabbozzaw tali strateġiji u jappoġġjawhom billi jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki u għarfien espert⁷⁵.

Għall-identifikazzjoni tal-irregolaritajiet, il-Kummissjoni diġà għamlet għodod speċifiċi tal-IT disponibbli għall-Istati Membri, bħall-ARACHNE, IMS u l-Għodda tal-Valutazzjoni tar-Riskju ta' Frodi.

(b) Dħul – riżorsi proprji

Il-Kummissjoni tenfasizza li din qiegħda timplimenta l-pjan ta' azzjoni VAT — *Lejn żona unika tal-VAT fl-UE u 20 measures to tackle the VAT gap*” (20 miżura biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-VAT), ippubblikat fis-6 ta' April 2016⁷⁶.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiġġieled il-kummerċ ta' oġġetti illegali u ffalsifikati u kontinwament taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju sabiex jiġu żgurati livelli ekwivalenti ta' kontroll doganali bbażat fuq ir-riskju madwar l-UE. Il-Kummissjoni regolarment twettaq spezzjonijiet fuq il-post fl-Istati Membri li għandhom l-għan li jiżguraw li s-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll jikkonformaw mal-liġi doganali tal-UE.

(c) Nefqa

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-interess tal-Parlament Ewropew f'informazzjoni aktar dettaljata dwar l-irkupru minn residenti legali ta' pajjiżi mhux tal-UE ta' fondi tal-UE ġestiti b'mod ħażin taħt ġestjoni diretta u ser tipprowa telabora aktar dwar dan l-aspett speċifiku fir-rapport tas-sena d-dieħla, fi ħdan il-limiti tal-informazzjoni disponibbli.

Fir-rigward ta' analiżi sistematika tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku, jinħtieġ li jkun hemm biżżejjed data sabiex titwettaq analiżi sinifikanti. Minbarra r-rapportar tal-irregolarità relatat mal-fondi tal-UE, biex tiġbor tali data, il-Kummissjoni ħadet passi biex tesplora modi għat-twaqqif ta' bażi tad-data dwar l-irregolarità fil-livell tal-UE li tinkludi wkoll irregolaritajiet tal-akkwist pubbliku mhux relatati mal-fondi tal-UE. Għal dan il-għan, huwa pplanat li sa Ġunju 2017, jiġi ffinalizzat studju tal-fattibbiltà.

Il-Kummissjoni ser tipprowa tinvestiga b'aktar reqqa l-livell għoli ta' każijiet frodulenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija⁷⁷.

(d) Problemi identifikati u miżuri meħtieġa

- *Rapportar aħjar*: Fir-rigward tat-talba għal prinċipji tar-rapportar uniformi fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni qiegħda tiffinalizza dokument ta' ħidma mħejji f'kooperazzjoni ma' esperti tal-Istati Membri dwar ir-rapportar tal-irregolaritajiet, li jittratta speċifikament il-kwistjonijiet li kkawżaw l-akbar problemi.

⁷⁵ Ara t-Taqsima 2.2.1.1.

⁷⁶ Ara t-taqsima 3.1.4.

⁷⁷ Analiżi dettaljata hija disponibbli fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, nota f'qiegħ il-paġna 1(ii). Ara t-taqsimiet 4.2.2.3 u 4.2.2.4

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni wkoll li t-twaqqif ta' Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) fl-Istati Membri kollha diġà huwa pass importanti fid-direzzjoni t-tajba. In-netwerk AFCOS jista' jkun qafas adegwat sabiex tiġi żviluppata tali kooperazzjoni.

- *Kontrolli aħjar*: Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjonijiet speċifiċi, skont il-qafas legali attwali, biex issaħħaħ ir-rwol superviżorju tagħha, bl-għan li ttejjeb is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri u tnaqqas ir-rati ta' żbalji.

Attwalment, il-programm *Hercule III* huwa soġġett għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-riżultati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2017.

- *Id-Direttiva PIF u r-Regolament UPPE*: Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar id-Direttiva PIF u tistenna bil-ħerqa l-adozzjoni tagħha. Din tappoġġja t-twaqqif tal-UPPE bil-parteċipazzjoni tal-akbar numru possibbli ta' Stati Membri, filwaqt li tqis li l-UPPE xorta waħda jista' jkun effettiv anke jekk ma jipparteċipawx l-Istati Membri kollha, u tappoġġja l-isforzi attwali sabiex tiġi stabbilita kooperazzjoni mtejjba.
- *Tabakk*: B'risposta għat-talba tal-Parlament Ewropew, mill-perspettiva tal-lum, il-ftehimiet ta' kontra l-frodi mal-JTI, BAT u ITL ser jiskadu fl-2022 u 2030 rispettivament. Il-Kummissjoni għadha kif ippreżentat rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija 2013⁷⁸. Dan ir-rapport jinkludi t-tagħlimiet miksuba fir-rigward tal-fenomenu tas-sigaretti "bojod u ordinarji". Abbażi tar-rispons tal-partijiet ikkonċernati, ladarba titlesta l-evalwazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra miżuri ulterjuri fl-2018.

(e) Investigazzjonijiet u r-rwol tal-OLAF

L-OLAF naqqas b'mod konsistenti t-tul globali tal-każijiet ta' investigazzjoni tiegħu minn medja ta' 23.6 xhur fl-2012 għal 21 xahar fl-2015.

Attwalment, il-Kummissjoni qiegħda tevalwa r-Regolament 883/2013 u ser tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa Ottubru 2017.

Il-proċedura għall-ħatra ta' Direttur Ġenerali ġdid tal-OLAF diġà nbdiat u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma involuti bis-sħiħ.

9. KONKLUŻJONJIET U RAKKOMANDAZZJONJIET

L-adattament ta' miżuri legali u amministrattivi sabiex jiġu indirizzati l-frodi u l-irregolaritajiet u jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-UE huwa proċess kontinwu. Hekk kif il-proġett dwar l-integrazzjoni Ewropea qiegħed javvanza u hekk kif jinbidel ix-xenarju ekonomiku internazzjonali, jitfaċċaw sfidi ġodda. It-trattament tagħhom jeħtieġ strumenti u għodod ġodda.

Tfaċċaw xejriet u mudelli ġodda fil-modi li bihom isir il-frodi⁷⁹. Il-frodisti jisfruttaw kull opportunità offruta mis-suq uniku, l-ekonomija globalizzata u t-teknoloġija ġdida.

⁷⁸ COM(2013) 324 final.

⁷⁹ Ara "The OLAF Report 2016" (Ir-Rapport tal-OLAF 2016), paġni 12-22:
https://ec.europa.eu/anti-fraud/sites/antifraud/files/olaf_report_2016_en.pdf.

Kif muri minn dan u mir-rapporti tas-snin preċedenti, l-Istati Membri qegħdin, b'mod partikolari, jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq miżuri preventivi u ta' identifikazzjoni. Fil-livell tal-UE, il-leġiżlaturi Ewropej, qegħdin jippruvaw jindirizzaw it-theddid impost miż-żieda fid-dimensjoni transkonfinali tal-attivitàjiet frodulenti wara li jsegwu inizjattivi speċifiċi mill-Kummissjoni Ewropea⁸⁰. It-twaqqif tal-UPPE ser jipprovdi azzjoni aktar effiċjenti sabiex jiġu miġġielda dawk l-attivitàjiet frodulenti.

9.1. Dħul

Il-miżuri meħuda fil-livell tal-UE fl-2016 komplew isaħħu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Ir-Regolament 515/97 rivedut iservi bħala għodda b'saħħitha biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi doganali. L-operazzjonijiet doganali konġunti (JCOs) imwettqa mill-OLAF ikomplu jkunu sors importanti ta' informazzjoni sabiex jiġu identifikati irregolaritajiet fi tranżazzjonijiet li jinvolvu ċerti tipi ta' oġġetti.

Iċ-Ċina kienet il-pajjiż ta' oriġini bl-ogħla livell ta' frodi u irregolaritajiet identifikati kemm fl-għadd ta' każijiet kif ukoll fl-ammonti stabbiliti.

L-istrateġija ta' kontroll doganali tinvolvi kombinazzjoni ta' kontrolli differenti. Il-kontrolli ta' wara l-ikkiriljar ġew irrappurtati bħala l-aktar metodu effettiv ta' identifikazzjoni, kemm f'termini tal-għadd ta' każijiet misjuba kif ukoll f'termini ta' ammonti. Madankollu, il-kontrolli qabel u matul l-ikkiriljar tal-oġġetti u spezzjonijiet imwettqa minn servizzi ta' kontra l-frodi huma kruċjali għall-identifikazzjoni ta' ċerti tipi ta' frodi eżistenti, mudelli ta' frodi ġodda u ġeneralment, għall-identifikazzjoni tat-tipi kollha ta' frodi.

L-ispezzjonijiet TOR imwettqa fl-2016 dwar strateġija ta' kontroll fl-evalwazzjoni doganali juru li n-nuqqasijiet fil-ġestjoni u l-kontroll ta' importazzjonijiet sottovalutati ta' tessuti u żraben jista' jkollhom konsegwenzi negattivi sinifikanti għall-baġit tal-UE. Jinħtieġ li jkunu fis-seħħ profili ta' riskju adegwati; importazzjonijiet sottovalutati jinħtieġ li jiġu kkontestati sistematikament u l-vauri doganali jinħtieġ li jiġu kkoreġuti f'konformità mar-Regolamenti tal-UE.

Rakkomandazzjoni 1

L-Istati Membri huma mistiedna jirrevedu l-istrateġija tagħhom ta' ġestjoni u kontroll fir-rigward tal-valutazzjoni doganali. Bl-għan li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE, dawn jintalbu jirrevedu l-proċeduri u s-sistemi ta' kontroll nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari billi

- jinkludu profili ta' riskju mal-UE kollha fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom abbażi ta' "prezzijiet medji nodfa" u sistematikament jikkontestaw oġġetti potenzjalment sottovalutati identifikati permezz ta' profili ta' riskju;
- ma jirrilaxxawx l-oġġetti sakemm id-dikjaranti ta' oġġetti potenzjalment sottovalutati ma jneħħux id-dubji raġonevoli tal-awtoritajiet dwar il-preċiżjoni tal-valur iddikjarat jew jipprovdu garanzija li tkopri bis-sħiħ id-dejn doganali li jista' jiġġarrab;
- japplikaw il-metodoloġija tal-evalwazzjoni doganali mogħtija bil-liġi doganali.

⁸⁰ *Ir-Rapport tal-OLAF 2016.*

9.2. Nefqa

Kif urew l-investigazzjonijiet tal-OLAF, l-akkwist pubbliku, li jibqa' l-akbar mezz ta' nfiq pubbliku, huwa suq attraenti għall-frodisti, li jużaw il-korruzzjoni u l-kontijiet offshore biex jiffaċilitaw il-frodi. Bosta każijiet ta' frodi tal-akkwist huma transnazzjonali, peress li x-xenarji l-ġodda tal-frodi ta' spiss jinvolvu awtorità kontraenti minn Stat Membru wieħed u offerenti minn diversi Stati Membri oħra li jissottokuntrattaw ix-xogħlijiet tagħhom lil kumpaniji f'pajjiżi differenti⁸¹.

Matul l-aħħar ħames snin, 20 % mill-irregolaritajiet kollha rrapportati kienu relatati ma' ksur ta' regoli dwar l-akkwist pubbliku, li ammontaw għal 30 % tal-ammonti finanzjarji irregolari kollha irrapportati.

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku kellhom jiġu traposti sat-18 ta' April 2016, sabiex jiġi introdott qafas legali modernizzat u ssimplifikat. Hdx-il Stat Membru għad iridu jittrasponu bis-siħ it-tliet Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- jittrasponu bis-siħ id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE u jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tagħhom fl-aġenda politika;
- jinfurzaw id-Direttivi l-ġodda b'enfasi fuq it-trasparenza u l-integrità fl-akkwist pubbliku, il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni u monitoraġġ aħjar tas-sistemi tal-akkwist pubbliku;
- jagħmlu użu mill-possibilitajiet offruti permezz ta' regoli aktar sempliċi u jirrealizzaw bis-siħ il-potenzjal tal-akkwist elettroniku, li ser isir obbligatorju sa Ottubru 2018.

Meta wieħed iħares lejn l-identifikazzjonijiet irrapportati mill-awtoritajiet nazzjonali matul l-aħħar ħames snin għas-setturi ewlenin tan-nefqa, ma hemm l-ebda diverġenza sinifikanti minn mudelli magħrufa. Minn sena għal oħra jkun hemm varjazzjonijiet żgħar fi programmi annwali, bħal dawk iffinanzjati mill-FAEG. Il-programmi pluriennali jsegwu mudell differenti, marbut maċ-ċiklu ta' pprogrammar, bl-għadd baxx fl-ewwel snin tal-programm jiżdied lejn l-għeluq tiegħu.

L-analiżi ta' din is-sena ġiet intensifikata u rfinata aktar sabiex tippermetti mmirar aħjar ta' oqsma speċifiċi li jinsabu f'riskju. Dan seta' jsir minħabba l-kwalità tad-data rrapportata, li qiegħda titjeb b'mod progressiv. Madankollu, jista' jsir aktar titjeb.

Rakkomandazzjoni 3

- Meta jirrapportaw l-irregolaritajiet (frodulenti u mhux frodulenti), l-awtoritajiet kompetenti kollha jintalbu jipprovdu informazzjoni dwar il-post u, għall-politiki ta' koeżjoni u s-sajd, il-qasam ta' prijorità tal-miżuri/proġetti affettwati.
- Meta jaġġornaw l-irregolaritajiet irrapportati preċedentement, l-Istati Membri jintalbu wkoll jipprovdu din l-informazzjoni jekk dawn għadhomx ma għamlux dan.

Il-ħlasijiet diretti ffinanzjati mill-FAEG jiffurmaw qasam ta' politika b'riskju relattivament baxx, f'termini ta' frodi u irregolaritajiet identifikati u rrapportati mill-Istati Membri. L-

⁸¹ *Ir-Rapport tal-OLAF 2016*

identifikazzjoni tal-frodi fil-miżuri ta' appoġġ għas-suq hija oġġla minn kwalunkwe qasam ta' politika ieħor⁸².

Għall-programmi FAEŻR, il-livell tal-identifikazzjoni tal-irregolaritajiet u l-frodi mill-awtoritajiet kompetenti huwa simili għal dak ta' oqsma ta' ġestjoni oħrajn kondiviżi.

Għall-politika ta' koeżjoni, l-analiżi tal-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 tindika rata ta' identifikazzjoni oġġla għall-programmi dwar l-oġġettiv ta' konverġenza. Tinstab rata ta' identifikazzjoni baxxa b'mod anormali għall-programmi ETC.

Prijoritajiet speċifiċi huma identifikati bħala aktar riskjużi⁸³.

Rakkomandazzjoni 4

- L-Istati Membri kollha huma mistiedna jqisu s-sejbiet ta' dan ir-rapport fil-valutazzjonijiet tar-riskju tal-frodi tagħhom għall-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 u jagħtu attenzjoni partikolari lill-prijoritajiet issottolinjati u lil interventi li huma simili fl-ambitu u n-natura.
- Fid-dawl tar-riżultati tal-identifikazzjoni baxxa għall-programmi tal-ETC u meta titqies iż-żieda fit-theddida ta' frodi transnazzjonali, l-Istati Membri jintalbu jżidu l-attenzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom.
- L-Istati Membri kollha jintalbu jirvedu l-valutazzjonijiet tar-riskju tal-frodi tagħhom fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ għas-suq, filwaqt li jqisu l-informazzjoni enfasizzata f'dan ir-rapport.

9.3. Is-snin li ġejjin

Hemm sensibilizzazzjoni dejjem tikber dwar it-theddid impost mill-frodisti u d-diffikultajiet għal awtoritajiet nazzjonali uniċi biex jittrattaw id-dimensjoni transkonfinali tal-iskemi fis-seħħ.

Dan jissarraf f'rieda dejjem akbar ta' qsim tal-informazzjoni u l-aħjar Prattiki u, fi ħdan oqfsa legali adegwati, ta' *data* rilevanti. Issa l-UE u l-Istati Membri huma mgħammra aħjar minn ftit snin ilu u hemm żieda fl-impenn li jwettqu aktar.

Fl-2017, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ser jadottaw id-Direttiva PIF, billi jarmonizzaw aktar l-approċċi tagħhom u jħaddnu d-dimensjoni Ewropea tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT.

Mill-inqas għoxrin Stat Membru ser javvanzaw saħansitra aktar, billi jwaqqfu l-UPPE abbażi ta' "kooperazzjoni mtejba", sabiex jindirizzaw speċifikament il-frodi u reati oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Meta jiġi stabbilit l-UPPE, ser ikun hemm żewġ korpi tal-UE li jwettqu l-investigazzjonijiet f'dan il-qasam. L-OLAF u l-UPPE ser ikollhom jaħdmu fi sħubija biex iżidu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom għall-investigazzjonijiet amministrattivi u investigazzjonijiet kriminali rispettivament. Il-Kummissjoni hija impenjata li żżomm OLAF b'saħħtu u l-evalwazzjoni kontinwa tar-Regolament 883/2013 ser toffri opportunità ġdida għal riflessjoni ferm meħtieġa dwar kif is-setgħat investigattivi tiegħu jistgħu jkomplu jissaħħu.

⁸² Ara t-taqsim 4.1.2 għall-miżuri speċifiċi ta' appoġġ għas-suq identifikati.

⁸³ Ara t-taqsim 4.2.2.

ANNEX 1 — IRREGOLARITAJIET IRRAPPORTATI BĦALA FRODULENTI FL-2016

L-għadd ta' irregolaritajiet irrappurtati bħala frodulent juri r-riżultati tax-xogħol tal-Istati Membri biex jikkumbattu l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE; Għaldaqstant, iċ-ċifri ma għandhomx ikunu interpretati li jindikaw il-livell ta' frodi fit-territorji tal-Istati Membri. It-totali huma differenti mit-Tabella 1 peress li l-Anness 1 ma jinkludix pajjiżi terzi (qabel l-adeżjoni) u nefqa diretta.

Stati Membri	Agrikoltura		Politiki Interni		Politika ta' Koeżjoni u Sajd		Qabel l-Adeżjoni		NEFQA TOTALI		DĦUL	
	N	€	N	€	N	€	N	€	N	€	N	€
Belgique/België									0	0	36	9,261,635
Bulgaria	60	12,107,506			5	608,311	2	1,438	67	12,717,255	11	436,567
Ceská republika	14	852,246			37	30,467,351			51	31,319,598	2	140,600
Danmark	4	254,730							4	254,730	5	8,581,374
Deutschland	3	231,833			24	5,508,712			27	5,740,545	93	5,112,337
Eesti	5	1,735,030			9	3,958,131			14	5,693,160	1	0
Éire/Ireland	2	38,015							2	38,015	3	445,574
Ellada					17	3,401,448			17	3,401,448	30	5,594,313
España	10	580,768			7	5,213,134			17	5,793,902	42	2,972,087
France	22	3,375,812							22	3,375,812	83	28,785,027
Hrvatska	10	2,575,582			1	92,949	1	1,006	12	2,669,536	5	342,006
Italia	20	2,707,009							20	2,707,009	22	6,548,191
Kypros									0	0	7	332,446
Latvija	12	987,285			12	10,601,187			24	11,588,471	12	661,068
Lietuva	11	2,087,218			3	359,879			14	2,447,097	10	266,102
Luxembourg									0	0	0	0
Magyarország	24	1,154,158			21	1,844,119			45	2,998,277	2	88,762
Malta									0	0	1	167,040
Nederland					2				2	0	6	261,626
Österreich	2	27,444							2	27,444	14	5,716,261
Polska	97	13,020,953			56	33,262,948			153	46,283,901	92	3,101,717
Portugal	4	6,033,837			11	8,850,629			15	14,884,466	0	0
Romania	108	14,007,684			95	48,222,873	3	1,828,769	206	64,059,326	16	2,943,686
Slovenija					2	660,070			2	660,070	0	0
Slovensko	1	1,483			99	82,310,323			100	82,311,807	3	707,196
Suomi/Finland									0	0	6	119,457
Sverige	1								1	0	2	101,720
United Kingdom	3	80,766			6	1,542,723			9	1,623,489	9	297,577
TOTAL	413	61,859,359	0	0	407	236,904,788	6	1,831,212	826	300,595,358	513	82,984,369

ANNEX 2 — IRREGOLARITAJIET MHUX IRRAPPORTATI BĦALA FRODULENTI FL-2016

It-totali huma differenti mit-Tabella 2 peress li l-Anness 2 ma jinkludix pajjiżi terzi (qabel l-adeżjoni) u nefqa diretta.

Stati Membri	Agrikoltura		Politiki Interni		Politika ta' Koeżjoni u Sajd		Qabel l-Adeżjoni		NEFQA TOTALI		DĦUL	
	N	€	N	€	N	€	N	€	N	€	N	€
Belgique/België	21	442,748			58	3,239,754			79	3,682,502	167	6,679,740
Bulgaria	40	3,713,584			147	33,901,405	33	218,544	220	37,833,532	2	52,150
Ceská republika	42	2,747,385			414	112,332,254			456	115,079,639	80	5,298,065
Danmark	23	3,532,670			14	629,377			37	4,162,048	73	3,720,877
Deutschland	69	3,045,188	1	178,812	260	24,973,617			330	28,197,616	1,489	67,203,731
Eesti	18	713,094			30	1,514,040			48	2,227,134	3	63,879
Éire/Ireland	58	1,380,576			66	8,187,661			124	9,568,237	28	4,561,472
Ellada	108	2,051,777			554	183,569,916			662	185,621,694	8	8,599,250
España	311	21,701,167			2,687	313,038,531			2,998	334,739,698	242	41,581,643
France	207	9,590,957			80	8,970,768			287	18,561,726	234	21,343,994
Hrvatska	23	500,251			7	2,220,316	8	164,783	38	2,885,350	12	589,781
Italia	703	62,263,456			158	50,150,868			861	112,414,324	89	17,235,008
Kypros					7	314,400			7	314,400	0	0
Latvija	15	620,012			179	40,519,313			194	41,139,324	15	2,523,277
Lietuva	92	4,578,948	3	463,921	31	3,901,424			126	8,944,293	16	1,055,777
Luxembourg									0	0	0	0
Magyarország	157	6,434,407			522	105,695,234			679	112,129,641	14	4,126,454
Malta					13	10,955,650			13	10,955,650	0	0
Nederland	44	1,324,326			55	3,760,864			99	5,085,190	517	147,056,822
Österreich	10	257,725			33	2,143,370			43	2,401,095	47	10,535,675
Polska	316	21,718,907			1,077	305,831,256			1,393	327,550,164	74	4,084,106
Portugal	450	18,726,879			171	11,417,924			621	30,144,803	15	6,461,250
Romania	595	41,369,126			557	109,492,694	2	146,543	1,154	151,008,362	41	3,243,332
Slovenija	11	429,072			24	4,348,776			35	4,777,848	1	25,222
Slovensko	35	2,252,313			428	445,621,389			463	447,873,702	13	292,640
Suomi/Finland	21	390,814			15	497,452			36	888,266	34	2,000,001
Sverige	4	93,164			5	212,081			9	305,245	96	6,360,043
United Kingdom	47	1,379,771			498	38,815,499			545	40,195,270	824	89,063,434
TOTAL	3,420	211,258,317	4	642,732	8,090	1,826,255,834	43	529,869	11,557	2,038,686,753	4,134	453,757,623